**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 114/2019 MS*

**Carmela Briffa, Joseph Cachia, Joseph Cachia bħala mandatarju tal-assenti Anthony Cachia, Emanuela Zahra, Georgina Muscat, Michael Cachia, Mary Zammit, Carmela Dolores Mifsud, Catherine Mifsud, Carol Cachia u Mary Grace Camilleri**

**Vs.**

**L-Avukat tal-Istat u l-Awtorità tal-Artijiet**

Illum, 25 ta' Marzu, 2024

Kawża Numru: 2K

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fil-11 ta' Lulju, 2019 li bih wara li ppremettew dan li ġej:

Illi b'ittra ufficjali tal-15 ta' Frar, 1969, missier l-esponenti Paul Cachia gie notifikat b'kopja ta' dikjarazzjoni tal-Gvematur Generali, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li sitt bicciet art f'Kalafrana u Benghajsa, limiti ta' Birzebbuga tal-kejl ta' [a] bicca art tal-kejl ta' zewg tmien u siegh (2T.1s.OK), li tmiss mit- Tramuntana, mill-Punent u minn nofs-in-nhar ma' proprjeta' tas-Sur Anthony Grixti, [b] bicca art tal-kejl ta' erba' tmien zewg sieghani hames kejliet u seba' decimi ta' kejla (4T.28.5.7K) li tmiss' mill-Lbic ma' triq, mill-Majjistral ma' proprjeta ta' Anthony Grixti w mill-Grigal u mill-Lvant ma' propjeta' tas- Servizzi, [c] bicca art tal-kejl ta' tlett tmien kejla u hames decimi ta' kejla (3T.08.1.5K) li tmiss mill-Lbic ma' sqaq, mill-Punent ma' proprjeta' ta' John Azzopardi, u mill-Grigal parti ma' proprjeta' ta Joseph Vassallo u parti ma' proprjeta ta' Anthony Grixti, [d] bicca art tal-kejl ta' tlett tmien hames sieghan hames kejliet u erba' decimi ta' kejla (3T.58.5.4K) li tinkludi nofs il-wisa' ta' sqaq, li tmiss mill-Grigal ma' triq, mil-Lvant ma' sqaq u minn Nofs-in-Nhar ma' proprjeta' ta' Vincenza Pullicino u ohrajn, [e] bicca art tal-kejl ta' hdax tmien u disa' kejliet (11T.08.9K.), li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Vincenza Pullicino w ohrajn, mill-Lvant parti ma' proprjeta' ta' John Schembri w parti ma' prorjeta' tas-Servizzi w minn Nofs-in-Nhar parti ma' proprjeta' ta' John Azzopardi w parti ma proprjeta' tas-Servizzi, u [f] bicca art tal-kejl ta' erbatax tmien (14T.), li tmiss mill-Majjistral ma' triq, mil-Lbic parti ma' proprjeta' ta' Vincenza Pullicino w ohrajn, parti ma' proprjeta' ta' Anthony Muscat u ohrajn, u parti ma' proprjeta' ta' Michael Galea, u minn Nofs-in-nhar ma' proprjeta' ta' John Azzopardi hija mehtiega ghal Skopijiet Pubblici u li l-akkwist taghha għandu jkun b'xiri assolut;

Illi apparti l-artijiet gia indikati, l-intimat Kummissarju tal-Artijiet illum l- Awtorita tal-Artijiet, kien ukoll esproprija bicca art ohra konsistenti minn sebat itmiem, erba' sighan u zewg kejliet (7T. 4S. 2K) u villa maghrufa bhala 'Villa Cachia' indikata fir-records tal-intimata Awtorita tal-Artijiet bhala Plot 16;

Illi dawn l-artijiet illum jiffurmaw parti mill-Freeport Zone u sahansitra kwalunkwe binja li kien hemm ezistenti fuqhom gie imwaqqa u l-art giet inkorporata fl-arca tal-Freeport,

Illi r-rikorrenti ottjenew l-art in kwistjoni bhala l-eredi tal-ġenituri taghhom u cioe bhal l-eredi ta' missierhom Paul Cachia li miet fil-15 ta' Awissu 2010 u ommom Tereza nee Aquilina li mietet fit-12 ta' Settembru 2003;

Illi bhala eredi tal-ġenituri tagħhom ir-rikorrenti flimkien u f'ishma indaqs huma s-sidien tal-artijiet indikati fl-ewwel paragrafu ta' dan ir-rikors, u flimkien f'ishma indaqs huma s-sidien ta' terz tal-art u l-fond indikati fit-tieni paragrafu ta' dan ir-rikors;

Illi l-antekawza tar-rikorrenti u cioe il-genituri taghhom Paul u Tereza Cachia kienu istitwew proceduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti sabiex fil-konfront tal-art in kwistjoni jilmentaw minn ksur tad-dritt ghad-dgawdija tal-proprjeta kif protett f'artikolu 6.1 u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni, liema proceduri kienu jgibu in-numru 39/2006 fl-ismijiet Paul Cachia u Tereza Cachia vs. l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2006 gew kjamati fir rikors il-Malta Freeport Corporation Ltd u Malta Freeport Terminals Ltd;

Illi l-ilment principali fl-imsemmija proceduri fil-konfront tal-art in kwistjoni kien dwar in-nuqqas ta' interess pubbliku ghat-tehid tal-art in kwistjoni;

Illi tali proceduri kienu gew decizi b'mod finali mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjoni permezz ta' sentenza moghtija fit-30 ta' Mejju 2014;

Illi sussegwentement ir-rikorrenti pprezentaw proceduri quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan tramite l-applikazzjoni f'isem ir- rikorrenti kontra Malta, liema applikazzjoni ggib in-numru ta' referenza 72486/14;

Illi kemm il-proceduri quddiem l-Onorrabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili decizi finalment mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll il-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienu jinvolvu kemm ilment dwar l-art mertu ta' dan ir-rikors u anke ilment dwar artijiet ohra fil-vicinanzi tal-istess art;

Illi l-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem gew decizi b'mod finali permezz ta' decizjoni moghtija fit-22 ta' Jannar 2019;

Illi din il-Qorti qieset l-ilment dwar l-art mertu ta' dan ir-rikors b'mod separat mill-ilment dwar l-artijiet l-ohra;

Illi fir-rigward tal-art mertu ta' dan ir-rikors dik il-Qorti kkonkludiet billi ddikjarat i esponenti ma kinux qajmu kwistjoni ta' nuqqas ta' proporzionalita' emanenti ukoll minn nuqqas ta' hlas ta' kumpens rigwardanti dawn l-artijiet in kwistjoni pero li kienu Ilimitaw ruhhom f'illi

ssottomettew illi l-interess pubbliku kien nieqes stante li l-Freeport kienet negozju privat b'interessi privati u mhux proġett pubbliku, u allura ma kienx hemm talba ghal kumpens.

Il-Qorti fil-fatt qalet hekk:

"28. ... Thus, in the Court's view, the siutation is one which merited a specific complaint to that effect. While it is true that the applicants argued on appeal that the absence of any compensation would render the measure disproportionate, the Constututional Court replied that the applicants could not raise new issues at that stage of the proceedings.
29. The court reiterates that in accordance with Article 35.1 of the Convention, the Court may only deal with an issue after all domestic remedies have been exhausted."

Illi ghat-tehid tal-art in kwistjoni sa llum la r-rikorrenti u lanqas l-antekawza taghhom qatt ma rcevew kumpens ghat-tehid ta' dawn l-artijiet mill-intimati;

Illi in oltre l-intimata Awtorita tal-Artijiet ma wettqet l-ebda azzjoni u ma istitwiet l-ebda proceduri sabiex jigi determinat u likwidat il-kumpens dovut lir- rikorrenti ghat-tehid tal-artijiet in kwistjoni, anzi l-Awtorita tal-Artijiet fil-passat rapprezentata mill-Kummissarju tal-Artijiet kienet irtirat proceduri li *kienu pendenti quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet u dan sehh f' April 2003, u sussegwentement ma harget l-ebda avviz jew notifika dwar kumpens u ma hadet l-ebda pass fil-ligi mehtieg sabiex jigi offrut il-kumpens dovut jew isir il-likwidazzjoni tal-kumpens dovut;

Illi r-rikorrenti u l-antekawza taghhom ilhom madwar hamsin (50) sena mcahhda mill-art in kwistjoni u minn kwalunkwe kumpens lilhom dovut ghal tali tehid, u dan billi filwaqt li t-tehid in kwisjtoni sar fis-sena 1969 huma llum baqaw minghajr hlas ta' kumpens ragonevoli li jirrispetta l-valur fis-suq tal-art in kwistjoni;

Illi matul dawn is-snin huma mhux biss gew imcahhda minn dak il-kumpens li jirraprezenta l-valur fis-suq tal-artijiet in kwistjoni, izda ukoll gew imcahhda mill-interessi fuq dak il-valur;

Illi f'dawn ic-cirkostanzi r-rikorrenti u l-ante kawza taghhom gew imgeghla jgorru piz sproporzjonat u li għalhekk sa llum ghada ssehh fil-konfront tar- rikorrenti vjolazzjoni tad-dritt għad-dgawdija tal-proprjeta taghhom liema vjolazzjoni u dan billi r-rikorrenti ghadhom ma gew

ikkumpensati bl-ebda mod matul il-madwar hamsin (50) sena li t-tehid tal-art ilu ghaddej;

Illi għalhekk r-rikorrenti ghadhom qedghin ibaghtu l-vjolazzjoni tad-dritt taghhom għad-dgawdija tal-proprjeta u kellhom iresqu dawn il-proceduri sabiex jottjenu l-aktar rimedju effettiv li jindirizza c-cirkostanzi f'liema sehhet u ghadha qeghda ssehh il-vjolazzjoni tad-dritt taghhom kif protett fl-artikolu 1 tal- Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

ir-rikorrenti għaddew biex jitolbu lil din il-qorti jogħġobha:

A. Tiddikjara li għal dak li jirrigwarda l-artijiet indikati fl-ewwel premessa ta' dan ir-rikors, u cine l-artijiet li jikkonsistu fis-segwenti:

Sitt bicciet art f'Kalafrana u Benghajsa, limiti ta' Birzebbuga tal-kejl ta' [a] bicca art tal-kejl ta' zewg tmien u siegh (2T.1s.OK), li tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u minn nofs-in-nhar ma' proprjeta' tas-Sur Anthony Grixti, [b] bicca art tal-kejl ta' erba' tmien zewg sieghan hames kejliet u seba' decimi ta' kejla (4T.28.5.7K) li tmiss mill-Lbic ma' triq, mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Anthony Grixti w mill-Grigal u mill-Lvant ma' propjeta' tas-Servizzi, [c] bicca art tal-kejl ta' tlett tmien kejla u hames decimi ta' kejla (3T.0S.1.5K) li tmiss mill-Lbic ma' sqaq, mill-Punent ma' proprjeta' ta' John Azzopardi, u mill- Grigal parti ma' proprjeta' ta Joseph Vassallo u parti ma' proprjeta ta' Anthony Grixti, [d] bicca art tal-kejl ta' tlett tmien hames sieghan hames kejliet u erba' decimi ta' kejla (3T.5S.5.4K) li tinkludi nofs il-wisa' ta' sqaq, li tmiss mill- Grigal ma' triq, mil-Lvant ma' sqaq u minn Nofs-in-Nhar ma' proprjeta' ta' Vincenza Pullicino u ohrajn, [e] bicca art tal-kejl ta' hdax tmien u disa' kejliet (11T.08.9K.), li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Vincenza Pullicino w ohrajn, mill-Lvant parti ma' proprjeta' ta' John Schembri w parti ma' prorjeta' tas-Servizzi w minn Nofs-in-Nhar parti ma' proprjeta' ta' John Azzopardi w parti ma' proprjeta' tas-Servizzi, u [f] bicca art tal-kejl ta' erbatax tmien (14T.), li tmiss mill-Majjistral ma' triq, mil-Lbic parti ma' proprjeta' ta' Vincenza Pullicino w ohrajn, parti ma' proprjeta' ta' Anthony Muscat u ohrajn, u parti ma' proprjeta' ta' Michael Galea, u minn Nofs-in-nhar ma' proprjeta' ta' John Azzopardi

il-fatt illi permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali hawn fuq imsemmija gew esproprijati dawn l-artijiet u r-rikorrenti ma gew bl-ebda mod kumpensati minkejja t-trapass ta madwar hamsin sena, dan jilledi d-drittijiet

fundamentali tal-esponenti kif protetti permezz tal-Artikolu 37 u tal-Artikol 32(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tad-drittijiet protetti mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu I tal-Protokoll 1 ghall-istess Konvenzjoni;

B. Tiddikjara li għal dak li jirrigwarda l-art u binja indikati fit-tieni premessa ta' dan ir-rikors, u cioe dik li tikkonsisti fis-segwenti:

bicca art ohra konsistenti minn sebat itmiem, erba' sighan u zewg kejliet (7T.4S.2K.) u villa magħrufa bhala "Villa Cachia" indikata fir-records ta' l- intimat Kummissarju ta' l-Artijiet bhala Plot 16 li minnhom l-esponenti ghandhom terz indiviz,

il-fatt illi ghall-esproprjazzjoni tal-imsemmija art u binja u minkejja d-demolizazzjoni tal-imsemmija binja u t-trapass ta' madwar hamsin sena r- rikorrenti ma gew bl-ebda mod ikkumpensati jilledi d-drittijiet fundamentali tal- esponenti kif protetti permezz tal-Artikolu 37 u tal-Artikol 32(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tad-drittijiet protetti mill-Artikolu 6(1) tal- Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 ghall-istess Konvenzjoni;

C. Tillikwida bhala kumpens li għandu jigi mhallas mill-intimati lir-rikorrenti dak l-ammont li jirraprezenta l-valur fis-suq ta' llum tal-artijiet u binjiet kollha fuq imsemmija, in oltre ammont bhala kumpens ghaz-zamma tal-art u binjiet in kwistjoni mill-intimati għal madwar hamsin (50) sena u cioe mid-data tat-tehid taghhom kif ukoll ammont bhala kumpens li jidhrilha xieraq għat-telf fiz-zieda tal-valur fuq l-artijiet u binjiet in kwisjtoni hekk imsejjah mill-Qorti Ewropea bhala 'loss of value increase';

D. Taghti dawk ir-rimedji ulterjuri kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez.

2. Rat ir-risposta preżentata fl-20 t'Awwissu 2019[1] mill-Avukat Ġenerali (illum l-Avukat tal-Istat) li biha huwa eċċepixxa dan li ġej:

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jsostni illi in vista tal-fatt illi din il-kawża u l-kawża fl-ismijiet premessi bin-

[1] A folio 9.

numru 113/2019 TA huma konnessi ma' xulxin u dan peress illi huma mnissla mill-istess kawża u cioe' mill-kawża deċiża fit-22 ta' Jannar 2019 mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Case of Cachia and others v. Malta**[2] u peress illi huma mnissla wkoll mill-istess għemil tal-Awtorita' intimata qabel il-Kummissarju tal-Artijiet, fl-umli fehma tal-esponent din l-Onorabbli Qorti għandha tordna illi dawn iż-żewġ kawżi jiġu mismugħa flimkien ai termini tal-artikolu 793(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi in linea preliminari a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni odjerna stante li m'għandux il-mansjoni li jesproprija l-artijiet, u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti m'għandhomx jintlaqgħu minn din l-Onorabbli Qorti b'setgħat kostituzzjonali u dan peress illi s-sitwazzjoni tar-rikorrenti illum ġiet rimedjata bid-dħul fis-seħħ tal-artikolu 65 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta) f'April 2017. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Parlament Malti ħoloq aċċess legali u ġudizzjarju xieraq u effettiv sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jagħmlu użu minnu jekk jidhrilhom li huma ġew ippreġudikati minħabba espropriju li ma ġiex mitmum;

4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ma messhomx jintlaqgħu u dan peress illi kull deċiżjoni għall-ħlas ta' kumpens għall-art li ġiet esproprijata kif ukoll kumpens għar-rigward ta' danni materjali kif ukoll danni morali, tista' tingħata mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet skont l-artikolu 65 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, b'jedd ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 74 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Jingħad ukoll hawnhekk illi ai termini tal-artikolu 66 tal-istessKap. 573, is-sid għandu jedd ukoll li jirċievi mgħax bir-rata sempliċi ta' tmienja fil-mija fuq il-kumpens li jkun ġie stabbilit mill-Bord tal-Arbitraġġ kif dan ġie aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djaru dan l-imgħax għandu jibda jgħaddi mid-data ta' meta tkun inħarġet id-dikjarazzjoni.

5. Illi fir-rigward ta' dawk l-artijiet indikati fir-rikors promotur li ma ttieħdux għall-"Freeport Zones" skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 334 tal-Liġijiet ta' Malta, li jidher illi huma l-artijiet immarkata bħala (e) u (f) fir-rikors promotur, l-esponent jeċepixxi illi l-Qorti Kostituzzjonali

[2] Application Number 7248614

diġa' pronunzjat ruħha dwarhom fis-sentenza fl-ismijiet **Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et**[3] deċiża fit- 28 ta' Diċembr 2001 fejn qalet illi d-dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur Ġenerali in kwantu dawk l-artijiet hija bla effett fil-liġi. Għaldaqstant peress illi in vista ta' dik is-sentenza id-dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur ġenerali m'għadhomx jgħoddu u allura effettivament l-artijiet kellhom jerġgħu jiġu ritornati, ċertament illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet kollha 'l oħra din l-Onorabbli Qorti m'għandiex tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-kumpens konsistenti f'ammont li jirrappreżenta l-valur ta' dawk il-proprjetajiet;

6. Illi in linea preliminari r-rikorrenti jridu jġibu prova wkoll illi l-artijiet mertu tal-każ odjern ilkoll jiffurmaw parti mill-Freeport Zone u li ttieħdu għall-'Freeport Zones' skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 334 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi in linea preliminari ir-rikorrenti jridu jġibu prova li huma tassew il-werrieta tal-ġenituri tagħhom Paul Cachia u Tereza nee' Aquilina u kif ukoll li qabel ma nbdew dawn il-proċeduri huma għamlu d-dikjarazzjoni causa mortis u li liema dikjarazzjoni tkopri l-artijiet u proprjetajiet mertu tal-każ odjern;

8. Illi in kwantu t-talba l-kumpens għaż-żamma tal-art għall-żmien twil, l-epsonent jeċepixxi illi din it-talba diġa' saret mir-rikorrenti fil-kawża **Pawlu Cachia vs Avukat Generali et**[4] deċiża fit-28 ta' Diċebru 2001 u l-kawża **Paul Cachia et vs Avukat Ġenerali et**[5] deċża fit-30 ta' Mejju 2014 u l-Qorti diġa' iddeċidiet dwar tali talba fis-sentenzi tagħha. Għaldaqstant sad-data tas-sentenzi msemmija, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex terġa' tippronunzja ruħha dwar tali talba;

9. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti ma tiswiex in kwantu mibnija fuq l-artikolu 32(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress illi dan l-artikolu ma jeżistix;

10. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jrid jiġi determinat il-mument li fih għandhom japplikaw l-artikolu 6 u l-ewwel artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan peress illi l-ordni ta' esproprijazzjoni ħarġet fl-1969 u cioe' ferm qabel ma daħlu fis-seħħ dawn l-artikoli;

---

[3] Rikors Numru 586/1997 VDG.
[4] Rikors Numru 586/1997 VDG.
[5] Rikors Numru 39/2006.

11. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost fil-mertu l-esponent jeċepixxu illi ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

12. Illi r-rikorrenti iridu jġibu prova tal-fatti minnhom esposti u jispjegaw kif seħħet l-allegata vjolazzjoni tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni;

13. Illi mingħajr preġudizzju fi kwalunkwe każ ma hemm ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

14. Illi fir-rigward tal-allegat ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-esponent jirrileva illi l-fatt li ttieħdet art mill-pussess tal-rikorrenti, din saret unikament għal skop pubbliku u fl-interess pubbliku, liema skop u interess pubbliku għadhom jissusistu sal-ġurnata tal-llum u dan kif konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Paul Cachia et vs L-Avukat Ġenerali et**[6] deċiża fit-30 ta' Mejju 2014 u anke mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **Case of Cachia and others v. Malta**[7] deċiża fit-22 ta' Jannar 2019;

15. Illi kemm-il darba jirriżulta xi ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, allura sempliċi dikjarazzjoni ta' ksur hi minnha nfisha ta' sodisfazzjoni suffiċjenti għall-istess ksur ta' drittijiet;

16. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti għal kumpens f'dak l-ammont li jirrapreżenta l-valur fis-suq ta' llum tal-artijiet u binjiet kolha msemmija fir-rikors promotur, l-esponent jeċepixxi illi dan ma jisatx jingħata u dan in vista ta' dak li jistipula s-sub-artikolu 65(5) tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta u semmai il-kumpens irid jiġi kalkulat kif indikat fl-istess sub-artikolu 65(5);

17. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

[6] Appell Ċivili Nru 39/2006/1.
[7] Applkazzjoni Numru 72486/14.

3. Rat ukoll ir-risposta preżentata mill-Awtorità tal-Artijiet fil-21 t'Awwissu 2019[8], li biha eċċepiet:

1. Preliminarjament, il-kawza hija improponibbli peress illi r-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju x'jezercitaw ai termini tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ukoll ir-rikorrenti jridu juri li huma sidien tal-art u li d-denunzji relattivi saru qabel ma jipproponu t-talbiet attrici– prova li sal-lum ghadha ma saritx;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ma jistghux jigu mistharrga minn dina l-Onorabbli Qorti u dan peress li skont l-artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, kwistjonijiet relatati mal-ezekuzzjoni ta' decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem ghandhom jitressqu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi peress li l-ghemil kollu maghmul ai termini tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kapitlu 88 tal-Ligijiet ta' Malta) huwa mhares bl-applikazzjoni tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Isegwi illi dak kollu maghmul fis-sens ta' din l-Ordinanza ma tistax twassal ghal-lanjanza Kostituzzjonali kif imressqa mir-rikorrenti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti qatt qabel illum ma talbu kumpens ghall-ksur u *ex admissis* u dan gie rifless minnhom fil-kawzi citati minnhom, illum in gudikat;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ma jistghux jitolbu li l-kumpens dovut lilhom ghall-art esproprijata ghandu jinhadem fuq il-prezz kurrenti. Dan peress illi l-Qorti Ewropea u l-Qorti Kostituzzjonali esprimew kif dewmien tal-hlas tal-kumpens dovut ghandu jigi rimedjat billi wiehed imur fuq ic-cifra originali tal-art ta' meta din ittiehdet u jistharreg imbaghad kemm dik ic-cifra ta' flus giet tiswa llum meta wiehed ihares lejn l-indici ta' inflazzjoni;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

[8] A folio 84.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;
9. Bl-ispejjez.

4. Rat illi l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat ġiet irtirata[9];

5. Rat is-sentenza mogħtija minn dina l-qorti, kif diversament presjeduta, fit-30 ta' Ġunju 2020[10], li permezz tagħha ġew miċħuda t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, bl-ispejjeż ikunu riservati għall-ġudizzju finali;

6. Rat ix-xiehda u d-dokumenti kollha miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

7. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet preżentati mill-kontendenti;

8. Semgħet it-trattazzjoni finali magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

9. Rat li l-kawża hija mħollija għall-udjenza tal-lum għall-prolazzjoni tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

10. Illi din hija azzjoni dwar allegat ksur ta' jeddijiet fondamentali perpetrat b'konsegwenza ta' teħid ta' proprjetà immobbli għal skop pubbliku mill-Istat.

11. Illi fir-rikors promotur tagħhom, ir-rikorrenti jispjegaw li missierhom Paul Cachia kien ġie notifikat b'dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali[11] b'ittra uffiċċjali datata 15 ta' Frar 1969[12], liema dikjarazzjoni fost ħwejjeġ oħra kienet tirrigwarda sitt biċċiet art f'Kalafrana u f'Bengħajsa, fil-limiti ta' Birżebbugia. Fid-dikjarazzjoni ingħad li dawn is-sitt biċċiet art, li huma deskritti f'aktar dettall fl-istess dikjarazzjoni, huma meħtieġa għal skop pubbliku u li kienu se jinkisbu b'xiri assolut. Ir-rikorrenti jkomplu jgħidu,

[9] Ara folio 113.
[10] Ara folio 136.
[11] Din id-dikjarazzjoni kienet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-13 ta' Frar 1969 (ara folio 381).
[12] Ara folio 392.

fir-rikors tagħhom, li b'żieda ma' dawn is-sitt biċċiet t'art imsemmija fid-dikjarazzjoni, il-Kummissarju tal-Artijiet kien ukoll esproprja biċċa art oħra konsistenti minn sebat itmiem, erba' siegħan u żewġ kejliet kif ukoll villa magħrufa bħala "Villa Cachia", li kienet indikata fil-pjanti tal-Kummissarju tal-Artijiet (u llum tal-Awtorità intimata) bħala "Plot 16". Dawn l-artijiet, jgħidu r-rikorrenti, llum jiffurmaw parti miż-Żona tal-Port Ħieles, u kull binja li kienet eretta fuqhom twaqqgħet biex l-art tiġi nkorporata mal-imsemmi Port. Ir-rikorrenti jsostnu li l-ġenituri tagħhom, li mingħandhom wirtu f'ishma ndaqs bejniethom l-artijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni notifikata lil missierhom, kif ukoll terz indiviż tal-art u tal-villa meħuda u msemmija fit-tieni paragrafu tar-rikors promotur tagħhom, kienu ressqu kawża kostituzzjonali permezz tar-rikors bin-numru 39/2006, li biha lmentaw dwar in-nuqqas t'interess pubbliku li jiġġustifika t-teħid tal-art tagħhom. B'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Mejju 2014, dik il-kawża ġiet deċiża kontra l-ġenituri tar-rikorrenti, li pproċedew b'petizzjoni fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-rikorrenti jkomplu jfissru l-ilment tagħhom billi jsostnu li fid-deċiżjoni mogħtija mill-qorti estera fit-22 ta' Jannar 2019, dik il-qorti qagħdet lura milli tieħu konjizzjoni dwar l-ilment tagħhom fuq l-artijiet mertu ta' dan ir-rikors, billi mill-atti tal-proċeduri domestiċi kien irriżulta li l-ilment tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' proporzjonalità konsegwenti għan-nuqqas ta' kumpens imħallas lilhom ma kienx ġie deċiż fuq livell domestiku. Ir-rikorrenti jkomplu jsostnu li sallum għadhom ma rċievew ebda kumpens għat-teħid tal-art tagħhom, u li l-Awtorità tal-Artijiet, u l-predeċessur tagħha, naqsu milli jistitwixxu kwalsiasi proċedura sabiex dak il-kumpens jiġi ffissat. Anzi, jgħidu r-rikorrenti, l-Awtorità intimata u l-predeċessur tagħha kienu rtiraw proċeduri li kienu nbdew għall-iskop tal-fissazzjoni tal-kumpens. Ir-rikorrenti għalhekk isostnu li mhux biss ġew imċaħħda mill-kumpens li jistħoqqilhom, imma ġew ukoll imċaħħda mill-interessi fuq dak il-kumpens, u li l-fatti kollha minnhom esposti fir-rikors tagħhom iwasslu għal ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll taħt l-artikolu 39(2)[13] tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

[13] Ir-riferenza fir-rikors promotur hija għall-artikolu 32(2) tal-Kostituzzjoni, li però ma jeżistix. Il-qorti qed tifhem li r-riferenza kellha tkun għall-artikolu 39(2).

12. Illi r-rikorrenti pproduċew rapport imħejji min-Nutar Jonathan Zammit dwar it-titolu tar-rikorrenti għall-artijiet in kwistjoni[14]. Dan ir-rapport ġie ffirmat min-Nutar Zammit u minnu kkonfermat bil-ġurament[15], u eżebit flimkien mad-dokumenti u l-atti pubbliċi li għalihom jirreferi dan ir-rapport.

13. Mill-atti jirriżulta li dwar l-esproprjazzjoni li xprunat il-kawża odjerna saru s-segwenti proċeduri:

a) b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Diċembru 2001, ġiet deċiża l-kawża fl-ismijiet "Pawlu Cachia vs. Avukat Ġenerali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet" (Rikors Numru 586/1997VDG)[16]. Din il-kawża jidher li kienet titratta kemm l-art imsemmija fl-ewwel premessa tar-rikors promotur (ċjoè s-sitt biċċiet art li dwar it-teħid tagħhom Pawlu Cachia kien notifikat b'ittra uffiċċjali tal-15 ta' Frar 1969), kif ukoll art oħra li m'hijiex fost dawk imsemmija fir-rikors promotur ta' din il-kawża, u ċjoè l-art tal-kejl ta' tmint itmiem, żewġ siegħan u kejla, li tinkludi l-fond magħruf bl-isem "Falcon House". F'dik il-kawża Cachia kien ilmenta li kien hemm karenza tal-interess pubbliku għat-teħid tal-proprjetà, billi sa dakinhar li ppreżenta l-kawża, parti sostanzjali tal-art in kwistjoni mhux biss kienet għadha ma tteħditx, iżda kienet għadha fil-pussess tiegħu. Din il-kawża ġiet deċiża favur Cachia, fis-sens li d-dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur Ġenerali li kienu jirrigwardaw proprjetà tiegħu li ma tteħditx għall-"Freeport Zones" skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 334 tal-liġijiet ta' Malta, kellhom jitqiesu bla effett. Ġie wkoll dikjarat li d-dewmien li seħħ fis-smigħ tal-proċeduri bin-numri 8/1984 u 29/1984 quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet kien jilledi d-dritt ta' Cachia għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli;
b) b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Mejju 2014[17] ġiet deċiża l-kawża fl-ismijiet "Paul Cachia et vs. L-Avukat Ġenerali et" (Rikors Numru 39/2006). F'din il-kawża, r-rikorrenti (li favur tagħhom ġie trasfuż il-ġudizzju wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom fil-mori ta' dik il-kawża) kienu qed jilmentaw dwar it-teħid tal-art tagħhom, u ċjoè dik il-parti tal-art li kienet effettivament meħuda mill-

[14] Ara folio 192.
[15] Ara folio 246.
[16] Kopja informali tinsab eżebita a folio 14.
[17] Ara folio 55.

Port Ħieles. Huma rreferew ukoll għal biċċa art oħra li sostnew li kienet tagħhom (u li mhux imsemmija fir-rikors promotur ta' din il-kawża), liema biċċa art, għalkemm meħuda, ma kinitx qed tintuża u għalhekk kellha tingħatalhom lura. Il-kawża però ġiet deċiża kontra r-rikorrenti, billi (i) ġie deċiż li t-teħid tal-art fl-interess tal-Port Ħieles kien ekwivalenti għal skop pubbliku, u (ii) fir-rigward tal-art li ma ntużatx, kien hemm dubju jekk din kinitx tal-atturi u għalhekk ma tagħthom ebda rimedju fir-rigward;

c) kien hemm ukoll proċeduri quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu, wara l-applikazzjoni numru 72486/14, fl-ismijiet "Cachia and others vs. Malta", u li ġew deċiżi b'sentenza tat-22 ta' Jannar 2019[18]. L-ilment tar-rikorrenti fir-rigward ta' dik il-parti tal-art li hija wkoll parti mill-mertu tal-kawża odjerna ġie misjub inammissibbli mill-qorti estera, billi l-kwistjoni dwar il-kumpens u r-rispett lejn il-prinċipju ta' proporzjonalità fit-teħid ta' din l-art ma kinitx ġiet sollevata u deċiża mill-qrati Maltin.

14. Illi l-provi għalhekk juru li mit-territorju kollu esproprjat, ġie rilaxxat parti minnu lura lir-rikorrenti bis-saħħa ta' sentenza tal-qrati wara azzjoni legali mibdija minnhom. Parti mit-territorju, però, għadu meħud u ġie użat għall-espansjoni tal-Port Ħieles, iżda r-rikorrenti għadhom ma rċievew ebda kumpens fir-rigward. L-artijiet li dwarhom għadhom qed jilmentaw ir-rikorrenti, skont ma xehdet ir-rikorrenti Carol Cachia[19], huma s-segwenti:

i. l-art tal-kejl ta' żewġt itmiem u siegħ, li tmiss mit-tramuntana, mill-punent u min-nofsinhar ma' beni ta' Anthony Grixti. Din l-art hija ndikata fuq il-pjanta tal-Awtorità tal-Artijiet (a folio 376) bħala plot 3;
ii. art tal-kejl ta' erbat itmiem żewġ siegħan ħames kejliet u seba' deċimi ta' kejla, li tmiss mil-lbiċ mat-triq, mill-majjistral ma' beni ta' Anthony Grixti u mill-grigal u mil-lvant ma' beni tas-Servizz. Din l-art hija ndikata fuq il-pjanta tal-Awtorità tal-Artijiet bħala plot 5;

[18] Ara folio 74.
[19] Ara folio 178.

iii. art tal-kejl ta' tliet itmiem u kejla u nofs, li tmiss mil-lbiċ ma' sqaq, mill-punent ma' beni ta' John Azzopardi, u mill-grigal in parti ma' proprjetà ta' Joseph Vassallo u in parti ma' proprjetà ta' Anthony Grixti. Din hija ndikata bħala plot 6 fuq il-pjanta tal-Awtorità intimata;

iv. art tal-kejl ta' tliet itmiem ħames siegħan u ħames kejliet u erba' deċimi ta' kejla, li tinkludi nofs il-wisa' ta' sqaq, li tmiss mill-grigal ma' triq, mil-lvant ma' sqaq u min-nofsinhar ma' beni ta' Vincenza Pullicino u oħrajn. Din l-art hija ndikata bħala plot 24 fuq il-pjanta tal-Awtorità intimata;

v. art oħra ta' sebat itmiem, erba' siegħan u żewġ kejliet u villa magħrufa bħala "Villa Cachia" li dwarha r-rikorrenti għandhom terz indiviż. Din l-art hija ndikata bħala plot 16 fuq il-pjanta tal-Awtorità intimata.

15. Dawn l-artijiet huma murija fir-rapport imħejji mill-Arkitett u Inġinier Ċivili Marie Louise Caruana Galea, li ġiet inkarigata mir-rikorrenti biex tidentifika l-art in kwistjoni u wkoll tikkalkula kumpens konsistenti mhux biss mill-valur tal-artijiet in kwistjoni, iżda anki tal-valur lokatizju tal-istess artijiet[20]. Fil-kontro-eżami tagħha, l-AIC Caruana Galea kkonfermat li hija stmat il-valuri relattivi skont is-suq ħieles, mingħajr ebda riferenza għal dak li jipprovdi l-Kapitolu 573 tal-liġijiet ta' Malta.

16. Jirriżulta li Pawlu Cachia, missier ir-rikorrenti, kien irċieva wkoll avviż għall-ftehim però ma kienx aċċetta l-kumpens offrut lilu, kif ħa ħsieb li javża lill-Kummissarju tal-Artijiet b'ittra uffiċċjali tas-6 ta' Marzu 1969[21]. L-istess ġara fir-rigward tat-teħid tal-art indikata mill-Awtorità intimata bħala plot 16, b'dan li Cachia kien iddikjara n-nuqqas ta' qbil tiegħu mal-kumpens offrut lilu b'ittra uffiċċjali oħra[22]. Snin wara din l-ittra uffiċċjali, il-Kummissarju tal-Artijiet kien beda proċeduri fil-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet, liema proċeduri però kienu ġew minnu ċeduti fit-8 t'April 2003[23]. Ġie spjegat li din iċ-ċessjoni kienet dovuta għall-fatt li d-dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur

[20] Ara folio 222 'l quddiem.
[21] Ara wkoll ix-xiehda ta' Dr Marisa Grech, a folio 378, kif ukoll kopja tal-ittra uffiċċjali, a folio 394.
[22] Kopja eżebita a folio 397.
[23] Ara folio 405 u 407.

Ġenerali kienu ġew dikjarati bla effett bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Diċembru 2001.

17. Ġew ukoll eżebiti tliet kuntratti, u ċjoè dak riċevut min-Nutar Carmel Mangion fis-6 t'Awwissu 2007[24] u dawk riċevuti min-Nutar Malcolm Mangion fis-27 ta' Ġunju 2008[25] u fl-20 ta' Novembru 2008[26], li bihom ir-rikorrenti trasferew il-plots magħrufa bin-numri 29 u 40 lil terzi.

18. Illi r-riljevi fattwali fuq premessi jikkostitwixxu r-riżultanzi fattwali saljenti dwar il-każ imressaq mir-rikorrenti. Il-qorti sejra issa tindirizza dawk l-eċċezzjonijiet tal-intimati kif ukoll it-talbiet tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat:

19. Illi kif diġà ntqal, l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat kienet ġiet irtirata, filwaqt li t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tiegħu, u l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità intimata, ġew respinti permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-qorti, kif diversament presjeduta, fit-30 ta' Ġunju 2020.

20. Illi bit-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat isostni li huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet tar-rikorrenti, u jiċċita l-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili in sostenn tal-istess eċċezzjoni.

21. Issa skont l-artikolu 181B(2) tal-Kodiċi preċitat: «*L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern*». Huwa miżmum li: «*Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti*» (***Frankie Refalo noe vs. Jason Azzopardi et***, Appell Superjuri, 5/10/2001).

---

[24] Ara folio 408.
[25] Ara folio 412.
[26] Ara folio 416.

22. Il-qorti fliet sewwa l-att promotur li bih ir-rikorrenti bdew din il-kawża, u jidhrilha li b'mod prinċipali r-rikorrenti qiegħdin jilmentaw mill-fatt li huma għadhom mhux kumpensati minkejja l-fatt li l-art tagħhom ittieħdet snin ilu. Dak l-aspett tal-ilment tar-rikorrenti huwa kollu kemm hu dwar il-*modus operandi* tal-Awtorità tal-Artijiet, u qabilha tal-Kummissarju tal-Artijiet, li kienu fiż-żminijiet rispettivi tagħhom mil-liġi affidati, fost dmirijiet oħra, bit-tmexxija u bl-amministrazzjoni tal-esproprjazzjoni tal-art tal-privat għal skopijiet pubbliċi. Dwar dak l-ilment, hija biss l-Awtorità intimata li għandha twieġeb għax-xiljiet tar-rikorrenti (ara, per eżempju, ***Igino Trapani Galea Feriol et vs. Avukat tal-Istat et***, Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 10/11/2022).

23. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti jgħidu li l-aħħar parti tal-ewwel talba dedotta minnhom fir-rikors promotur taqra: «*okkorrendo billi tiddikjara illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern il-liġi Maltija ma tipprovdix għal kumpens adegwat f'każijiet fejn l-istat ikun naqas li jikkumpensa għat-teħid ta' l-art għal numru twil ta' snin*». Din il-qorti qrat u reġgħet qrat ir-rikors promotur u t-talbiet tar-rikorrenti, u mkien ma sabet din it-talba inkluża fil-korp tar-rikors.

24. Madanakollu, hemm xi riferenzi fir-rikors promotur għall-valur fis-suq tal-lum tal-proprjetà esproprjata. Hekk, per eżempju, fis-sittax-il premessa tar-rikors promotur, ir-rikorrenti jilmentaw li «*baqaw mingħajr ħlas ta' kumpens raġonevoli li jirrispetta l-valur fis-suq tal-art in kwistjoni*». Imbagħad, fit-tielet talba dedotta minnhom fir-rikors promotur, iridu li l-qorti tillikwida kumpens «*li jirrappreżenta l-valur fis-suq ta' llum tal-artijiet u binjiet kollha fuq imsemmija*». F'dan is-sens, il-qorti qed tifhem li r-rikorrenti jridu li fl-għoti tar-rimedju li għandu jiġi mogħti lilhom fil-każ li jinstab ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom, il-qorti tiddipartixxi minn dak li jipprovdi l-Kapitolu 573 tal-liġijiet ta' Malta, u f'dak is-sens, huma qiegħdin jimpunjaw l-effetti ta' dawk il-liġijiet. Il-qorti qed tirreferi għall-Kapitolu 573 tal-liġijiet ta' Malta, u mhux għall-Kapitolu 88, għaliex meta saret din il-kawża kienet diġà daħlet fis-seħħ dik il-liġi. Billi r-rikors promotur ma fihx riferenza speċifika għal xi liġi ordinarja li tilledi d-drittijiet tar-rikorrenti, il-qorti qed tifhem li l-ilment tagħhom jista' biss jirreferi għall-Kapitolu 573, li allura kienet il-liġi fis-seħħ fiż-żmien li saret il-kawża. Dan partikolarment meta jiġi kkunsidrat li, la darba ma kienx hemm proċeduri pendenti quddiem il-Bord meta daħlet fis-seħħ l-imsemmija liġi, is-sidien m'għandhomx id-dritt tal-għażla skont l-

artikolu 78 tal-istess Att, kif ukoll meta jiġi kkunsidrat li d-dispożizzjoni tranżitorja fl-artikolu 82 ma ssalvax l-effetti tal-Kapitolu 88 għal azzjonijiet, deċiżjonijiet jew għemil meħud taħtu qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kapitolu 573.

25. Issa hu minnu li skont l-ewwel u t-tieni subinċiżi tal-artikolu 3 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni:

> (1) Rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkun fih, b'mod konċiż u ċar, il-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment u għandu jsemmi d-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li jkun allegat li jkunu ġew, li jkunu qed jiġu jew li jkunu x'aktarx ser jiġu miksura.
>
> (2) Ir-rikors għandu jispeċifika wkoll ir-rimedju mitlub mir-rikorrent:
> Iżda l-qorti tkun tista', jekk ir-rikors jiġi milqugħ, tagħti kull rimedju ieħor fil-ġurisdizzjoni tagħha li tkun tqis bħala aktar xieraq.

26. Dan essenzjalment ifisser li min iressaq rikors dwar ksur ta' drittijiet fondamentali huwa mistenni li jindika b'mod konċiż u ċar il-fatti li dwarhom inħoloq l-ilment. Jekk ir-rikorrenti qed jilmentaw li liġi partikolari qed tikser jew se tikser id-drittijiet tagħhom, huma kienu mistennija li dan jgħiduh b'mod ċar, billi mhux biss jgħidu liema liġi qed jimpunjaw, imma wkoll jindikaw kif u liema effetti tagħha huma leżivi fil-konfront tagħhom.

27. Issa hu minnu wkoll li l-ġurisprudenza dejjem żammet li fi proċeduri bħal dawn, l-eżiġenzi proċedurali għandhom ikunu ridotti għal minimu. Hekk esprimiet ruħha l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-proċeduri ***Edwin Bartolo et vs. Aġent Reġistratur tal-Qrati noe et*** (15/2/1991 – Vol.LXXV.i.84):

> Fil-proċeduri kostituzzjonali, il-formalità hija ridotta għall-minimu neċessarju u jiddependi kollox mid-diskrezzjoni tal-ġudikant li jkun qed jippresjedi, li għandu jara li jiġu salvagwardati l-prinċipji kollha tal-ġustizzja proċedurali.
>
> omissis

> Il-flessibilità proċedurali li għaliha għada kif saret riferenza, hija illustrata mill-Kostituzzjoni stess fl-artikolu 46(2) fejn il-Qorti hija liċenzjata li: "... tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (inklużi) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna".
>
> Din il-liċenzja tawtorizza 'l-Qorti li tmur *ultra petita* – u għalhekk l-intimati m'għandhomx raġuni li jillamentaw li s-sentenza appellata għamlet proprju hekk. Id-direttiva hija li d-deċiżjoni trid tkun konformi ma' dak li l-Qorti tqis xieraq u mhux in konformità ma dak li jitlob ir-rikorrent – kif tobbliga l-proċedura normali.

28. L-istess linja tal-ħsieb kienet segwita fid-deċiżjoni ***Meinrad Calleja vs. Avukat Ġenerali et*** (Qorti Kostituzzjonali, 29/3/2000 – Vol.LXXXIV.i.24):

> Il-ġurisprudenza kostituzzjonali tagħna stabbiliet il-prinċipju li f'kawża bħal ma hija dik odjerna, il-formalità proċedurali għandha tiġi ridotta għall-massimu [recte: minimu] neċessarju – purkè li jiġu salvagwardati l-prinċipji kollha tal-ġustizzja fil-konfront tal-kontendenti ... ... Fi kliem ieħor, biex tagħmel ġustizzja sostanzjali mar-rikorrenti, il-Qorti tista' tikkonċedi ċerta ammonta ta' flessibilità proċedurali.[27]

29. Din il-qorti qed tasal għall-konklużjoni li, bir-riferenzi aktarx lakoniċi kontenuti fir-rikors promotur (u li għalihom diġà saret riferenza), kif ukoll bil-fatt li r-rikorrenti stradaw il-provi tagħhom permezz tal-perizja *ex parte* minnhom prodotta in sostenn tal-pretensjoni tagħhom li għandhom jiġu kkumpensati lil'hinn minn dak li tipprovdi l-liġi ordinarja kontenuta fil-Kapitolu 573 tal-liġijiet ta' Malta, huwa doveruż għaliha li tinvesti anki dan l-aspett tal-ilment tar-rikorrenti. Wara kollox, din mhux se tkun sorpriża għall-intimati li fir-risposti tagħhom għamlu eċċezzjonijiet dwar il-mod kif għandu jiġi kalkolat il-kumpens spettanti lir-rikorrenti. U la darba dak l-aspett tal-ilment tar-rikorrenti huwa essenzjalment impunjazzjoni tal-applikabilità ta' liġi ordinarja, il-qorti hi tal-fehma li l-Avukat tal-Istat m'għandux jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju, la darba huwa l-leġittimu kontradittur f'kull kawża fejn tiġi mpunjata xi

[27] Ara wkoll id-deċiżjoni ***Francis Scerri et vs. Anthony Deguara et*** (Qorti Kostituzzjonali, 9/10/2023).

liġi ordinarja (ara, per eżempju, ***Louise Sciortino et vs. Avukat tal-Istat et***, Qorti Kostituzzjonali, 29/3/2023).

30. It-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat għalhekk se tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat:

31. Inqisu issa l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimati, naturalment eskluża dawk li diġà jinsabu respinti b'sentenza tat-30 ta' Ġunju 2020.

32. Bit-tieni eċċezzjoni tagħha, l-Awtorità intimata trid li r-rikorrenti juru li huma s-sidien tal-artijiet in kwistjoni, kif ukoll li huma għamlu d-denunzji relattivi u ħallsu t-taxxa tas-suċċessjoni mponibbli fuq l-istess artijiet. Fl-istess sens hija s-seba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

33. Il-qorti tqis li l-eċċezzjoni dwar it-titolu tar-rikorrenti ma tista' qatt tirnexxi fil-kuntest tal-azzjoni odjerna.

34. Fl-ewwel lok, huwa minnu kif issottomettew ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom li f'azzjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fondamentali, il-parti rikorrenti mhux mistennija li tressaq prova konklussiva tat-titolu tagħha fuq proprjetà daqs li kieku l-kawża kienet azzjoni petitorja fil-kamp tal-liġi ċivili. Huma bosta d-deċiżjonijiet f'dan ir-rigward, u din il-qorti tagħmel riferenza għad-deċiżjonijiet ċitati fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Sharon Fenech vs. Filomena sive Phyllis Camilleri***,[28] a skans ta' ripetizzjoni. F'dan ir-rigward, jingħad li r-rikorrenti ressqu, permezz tax-xiehda tan-Nutar Jonathan Zammit u tad-dokumenti minnu eżebiti, prova sufficċjenti tat-titolu tagħhom.

35. Fit-tieni lok, u b'mod aktar konklussiv mill-premess, huma ta' xkiel għas-suċċess ta' din l-eċċezzjoni id-deċiżjonijiet diġà mogħtija bejn ir-rikorrenti (u l-awtur tagħhom fit-titolu) u l-Awtorità intimata (jew il-predeċessur tagħha, l-Kummissarju tal-Artijiet) u l-Avukat Ġenerali, li għalih illum issuċċieda l-Avukat tal-Istat. B'dawk id-deċiżjonijiet,

[28] 18/3/2024.

l-interess u l-jedd tar-rikorrenti fuq l-artijiet in kwistjoni (ad eċċezzjoni tal-plot numru sittax li dwarha ma jidhirx li saru proċeduri) ġie kristallizzat permezz tal-ġudikat, u issa l-intimati huma preklużi milli jikkontestaw dak li ġie b'mod konklussiv stabbilit bis-saħħa ta' deċiżjonijiet li huma definittivi. Ġie ritenut: «*Illi kwalunkwe argumentazzjoni kontrarja ta' l-atturi hija bil-fors, fuq dana l-pont, inkompatibbli mal-ġudikat, ħaġa li m'hiex legali. Qalet il-Qorti ta' Torin fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Awissu 1891 "Zunino versus Figari" (Coen: voce "Cosa Giudicata" – Materia Civile - § 146) : "Passata in giudicato la sentenza, non sono più ammissibili nuove eccezioni che mirino a distruggere o restringere il giudicato : la regola 'tantum judicatum quantum discussum' procede tanto nel senso che dopo il giudicato si possono proporre, discutere, ed ammettere eccezioni nuove che col giudicato sono conciliabili"... Illi b'dina l-kawża l-atturi qegħdin jippruvaw ibiddlu f'forma oħra dak li kien diġà stabbilit mill-Qorti tal-Appell : ħaġa li mhix lanqas legali. Il-Qorti ta' Genova fis-sentenza tal-15 ta' Frar 1892 "Ricca versus Sant'Agata" (idem § 152) qalet : "È stabilita la cosa giudicata nascente da un precedente giudicato intervenuta tra le stesse parti e relativamente alla stessa 'causa petendi', quando il magistrato, vagliatolo alla stregua dell'antico insegnamento 'tantum decisum quantum disputatum', trovi che, sotto pretesto di nuove eccezioni, si tenti di riaprire o riaccendere una discussione diventata irretrattabile*»[29].

36. Fil-fatt, mid-deċiżjonijiet finali ġjà mogħtija b'rabta mal-esproprjazzjonijiet li jifformaw il-mertu tal-kawża odjerna jirriżulta assodat mhux biss l-interess u l-jedd tar-rikorrenti fl-art in kwistjoni, iżda anki l-fatt li huma l-werrieta tal-ġenituri tagħhom, li kienu l-akkwirenti oriġinali tat-territorji in kwistjoni. Mhux leċitu li l-Awtorità intimata tikkontesta dawn il-kwalitajiet fir-rikorrenti, la darba r-rikorrenti ġjà għandhom deċiżjonijiet ġudizzjarji li jikkonfermaw dawn il-kwalitajiet fihom.

37. Naturalment, fejn irriżulta li r-rikorrenti aljenaw xi parti mill-proprjetà tagħhom lil terzi, din il-qorti se tqis it-titolu tar-rikorrenti biss sa dakinhar tat-trasferiment, meta tiġi biex tqis ir-rimedji li għandha tagħti lir-rikorrenti, kemm-il darba jkun jistħoqqilhom xi rimedju.

[29] ***Clemente Farrugia et vs. L-Avukat Dottor Giuseppe Caruana Mamo pro et noe*** (Prim'Awla, 20/10/1934 – Kollezz. Vol.XXIX.ii.31). Ara wkoll id-deċiżjoni ***Olive Gardens Investments Limited vs. Salvatore Farrugia et*** (Prim'Awla, 9/6/2022).

38. Fir-rigward tal-fatt li rriżulta li r-rikorrenti u missierhom kellu biss parti mill-art magħrufa bħala plot 16, din il-qorti tqis dan li ġej. Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti sostnew li huma kellhom terz indiviż minn din l-art. Dan huwa sa ċertu punt korrett, però dak l-istat t'indiviżjoni ntemm bil-kuntratt riċevut min-Nutar Joseph Sciberras fit-12 ta' Mejju 1978[30]. Bil-qasma li twettqet b'dan il-kuntratt, missier ir-rikorrenti ġie meqjus bħala sid tal-partijiet diviżi assenjati lilu anki b'effett mill-ftuħ tas-suċċessjoni li permezz tagħha wiret is-sehem tiegħu, skont kif jipprovdi l-artikolu 946 tal-Kodiċi Ċivili. Billi t-tmiem tal-istat ta' ndiviżjoni mhux fatt li huwa nkompatibbli ma' dak deċiż diġà mill-Qrati Kostituzzjonali fid-deċiżjonijiet preċitati, l-qorti se tieħu qies tiegħu meta tiġi biex tikkonsidra l-mertu ta' din il-kawża.

39. It-tieni parti ta' din l-eċċezzjoni tal-intimati tirrigwarda l-ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni, u tirreferi għall-artikolu 63 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kapitolu 364 tal-liġijiet ta' Malta). Dik id-dispożizzjoni tgħid hekk:

> 63.(1) Ebda persuna li hi marbuta li tagħmel dikjarazzjonijew li ddaħħal avviż dwar trasferiment causa mortis dwartrasferiment taxxabbli jew li għandha tħallas it-taxxa skont xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma tista', wara li jgħaddi ż-żmien preskritt għall-egħmil ta' dik id-dikjarazzjoni jew avviż tibda jew tmexxi proċedimenti legali, jew tagħmel xi talba f'xi dipartiment tal-Gvern, dwar xi proprjetà li għandha tidħol f'dik id-dikjarazzjoni jew avviż jekk ma jiġix muri li d-dikjarazzjoni jew avviż tkun saret kif imiss u tinkludi l-proprjetà li għaliha jirreferu l-proċedimenti jew it-talba.
> (2) In-nuqqas tal-prova li d-dikjarazzjoni jew l-avviż tkun saretjista' jiġi eċċepit mill-partijiet f'kull stadju tal-proċedimenti legali, u f'kull każ għandu jitqajjem mill-qorti ex officio. Il-proċedimentilegali għandhom imbagħad jitwaqqfu minnufih u ma jistgħuxjitkomplew qabel ma jiġi rimedjat in-nuqqas mill-persunaresponsabbli għalih jew minn xi persuna oħra interessata.
> (3) Fil-każijiet imsemmijin f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tagħti kull direttiva meħtieġa sabiex il-proprjetà li tkun l-oġġett tal-proċedimenti legali ma ġġarrab ebda preġudizzju.
> (4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux wara li jgħaddu għaxar snin mit-trasferiment causa mortis relattiv.

[30] Kopja eżebita a folio 420.

40. Lanqas dan l-aspett tal-eċċezzjonijiet taħt eżami ma tista' titqies fondata.

41. Fl-ewwel lok, għaliex hija l-fehma ta' din il-qorti li l-proċedimenti legali li għalihom tirreferi din id-dispożizzjoni tal-liġi ma jinkludux proċedimenti legali għall-ħarsien ta' jeddijiet fondamentali. Il-kunċett li l-proponiment ta' azzjoni bħal dik tkun soġġetta għal xi kondizzjoni, bħal ma hija l-ħlas ta' taxxa jew xi obbligu fiskali oħra, huwa aljen u irrikonċiljabbli mal-ispirtu u mal-iskop tad-dispożizzjonijiet kollha li jinsabu fil-Kostituzzjoni, kif ukoll fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, li jridu li jitneħħa kull xkiel sabiex persuna tadixxi lill-qrati għall-protezzjoni f'każ li d-drittijiet fondamentali tagħha jkunu qed jiġu, jew aktarx se jiġu, miksura.

42. Fit-tieni lok, mill-atti ta' din il-kawża, kif ukoll mill-okkju tad-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Mejju 2014 mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża bin-numru 39/2006, għandu jirriżulta li Paul Cachia u martu Teresa Cachia, li mingħandhom ir-rikorrenti wirtu l-proprjetà in kwistjoni, ilhom aktar minn għaxar snin mejta, u għalhekk b'effett tar-raba' subinċiż tal-artikolu 63, l-istess dispożizzjoni ma tapplikax.

43. Għalhekk it-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità intimata u s-seba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat qed jiġu miċħuda.

Ikkunsidrat:

44. Illi bit-tielet eċċezzjoni tagħha, l-Awtorità intimata tgħid li, skont l-artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, kwistjonijiet relatati mal-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għandhom jitressqu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

45. Iżda din l-azzjoni ma tirrigwardax l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti Ewropea. Anzi, l-qorti estera espressament astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ilmenti dedotti mir-rikorrenti bl-azzjoni odjerna proprju għaliex ma kienux għadhom tressqu quddiem il-qrati Maltin.

46. Din l-eċċezzjoni għalhekk hija miċħuda wkoll.

Ikkunsidrat:

47. Illi r-raba' eċċezzjoni tal-Awtorità intimata, li hija l-aħħar waħda li hi ta' indoli preliminari, tinvoka l-effetti tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni, u ssostni li minħabba dik id-dispożizzjoni, r-rikorrenti ma jistgħux jistrieħu fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jgħid hekk:

> Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) u li ma –
> (a) iżżidx max-xorta ta' proprjetà li jista' jittieħed pussess tagħha jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjetà li jistgħu jiġu miksuba;
> (b) iżżidx mal-finijiet li għalihom jew ċirkostanzi li fihom dik il-proprjetà jista' jittieħed pussess tagħha jew tiġi miksuba;
> (ċ) tagħmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt għal kumpens jew l-ammont tiegħu anqas favorevoli lil xipersuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjetà; jew
> (d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (ċ) tal-artikolu 37(1) ta' din il-Kostituzzjoni.

48. M'hemmx dubju li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-liġijiet ta' Malta, li abbażi tagħhom saret l-esproprjazzjoni mertu ta' dan il-każ, jippreċedu d-data tat-3 ta' Marzu 1962. L-Awtorità tal-Artijiet, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, tirreferi għad-deċiżjoni ***Eve sive Evette Agius et vs. L-Awtorità tal-Artijiet*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 13/10/2021), fejn eċċezzjoni simili ġiet milqugħa, u fejn ir-rikorrenti wkoll kienu qed jilmentaw dwar dewmien fl-għoti ta' kumpens wara esproprjazzjoni.

49. Din il-qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-kwistjoni, u waslet għall-konklużjoni li din l-eċċezzjoni għandha tiġi respinta.

50. Dak li l-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jrid isalva huwa l-liġijiet li kienu fis-seħħ qabel id-data ndikata. Ħadd ma jista' jipprova jimpunja l-validità ta' liġi ordinarja fis-seħħ

qabel dik id-data minħabba nuqqas ta' konsistenza ta' dik il-liġi ordinarja mal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Dik l-eżenzjoni speċifika, li għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva proprju minħabba li tikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola ġenerali dwar l-applikabilità tal-artikolu 37, ma testendix ruħha għal għemil li jsir taħt il-liġi li tkun fis-seħħ qabel id-data infraskritta.

51. Ir-rikorrenti, permezz tat-talbiet dedotti minnhom fir-rikors promotur, m'humiex qiegħdin jimpunjaw l-effett tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-liġijiet ta' Malta. Kif spjegat aktar qabel f'din is-sentenza, il-qorti qed tifhem li dik l-impunjazzjoni hija fir-rigward tal-Kapitolu 573, li żgur li mhux salvat bis-saħħa tal-artikolu 47(9). Ir-rikorrenti qed jilmentaw ukoll **mill-azzjonijiet u mill-omissjonijiet** tal-Awtorità tal-Artijiet u tal-predeċessur tagħha fil-konfront tagħhom, liema azzjonijiet u l-omissjonijiet, ikomplu igħidu r-rikorrenti, iwasslu għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom. Dawk l-azzjonijiet u omissjonijiet m'humiex salvati mill-artikolu 47(9). Wara kollox, din il-qorti ma tistax tikkonkludi li d-dewmien li minnu qed jilmentaw ir-rikorrenti huwa l-ħdim tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88. Anzi, hu proprju **n-nuqqas li jitħaddmu kif imiss dawk id-dispożizzjonijiet** li jikkostitwixxi l-parti sostanzjali tal-ilment tar-rikorrenti.

52. Hija din, fil-fehma ta' din il-qorti, l-interpretazzjoni korretta tal-artikolu 47(9). Kull interpretazzjoni oħra tista' biss twassal biex atti magħmula mill-Istat fi kwalsiasi żmien ikunu eżenti mill-protezzjoni mogħtija liċ-ċittadini tal-istess Stat taħt l-artikolu 37 sempliċiment għaliex ikunu qed isiru b'liġi li kienet fis-seħħ qabel it-3 ta' Marzu 1962, u dan irrispettivament minn jekk dawk l-atti ikunux qed isiru **skont** il-liġi jew le. Tal-istess fehma kienet ukoll din il-qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza tagħha fil-każ ***Henry Deguara Caruana Gatto et vs. Awtorità tal-Artijiet*** (1/6/2022)[31]:

> Permezz ta' din l-azzjoni l-atturi mhumiex qed jimpunjaw xi disposizzjoni tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta, u lanqas it-tħaddim tagħha. L-ilment tal-atturi jirrigwarda d-dewmien minn naħa tal-Awtorita konvenuta li toħroġ Avviż ta' Ftehim fir-rigward tal-artijiet esproprjati u tħallas il-kumpens dovut. Għalhekk l-ilment tal-atturi jitratta sewwasew l-aġir, jew aħjar allegati nuqqasijiet, tal-Awtorita konvenuta. Ma jirriżultax, u lanqas ma ġie fil-fatt

[31] Sar appell minn din id-deċiżjoni, iżda mhux fir-rigward tal-parti ċitata.

> sottomess, li dan l-aġir kien ir-riżultat ta' xi proċedura stabbilita fil-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta li l-Awtorita kellha tħares. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti in-nuqqasijiet tal-Awtorita konvenuta li l-atturi qed jilmentaw dwarhom f'dawn il-proċeduri mhumiex imħarsin bl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ġaladarba n-nuqqas tal-Awtorita li toħroġ Avviż għall-Ftehim u tħallas il-kumpens dovut lill-atturi mhuwiex konsegwenza ta' xi disposizzjoni tal-istess Kapitolu

53. Għalhekk anki din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.

Ikkunsidrat:

54. Niġu issa għall-meritu tal-ilmenti tar-rikorrenti.

55. Nibdew billi nqisu l-kwistjoni taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

56. Illi d-dritt għal aċċess għal awtorità ġudizzjarja huwa wieħed mid-drittijiet komponenti d-dritt għal smigħ xieraq. Dan l-aċċess għandu jingħata mhux biss in garanzija ta' smigħ xieraq fir-rigward ta' proċeduri li jkunu diġa pendenti, iżda għandu wkoll jiggarantixxi l-istess dritt anke fir-rigward ta' dawk il-persuni li jkunu jixtiequ li jressqu proċeduri għad-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi ċivili tagħhom[32]. «*Where an applicant enjoys a right, the inability to have a dispute about that right determined in the courts due to a lack of standing is a procedural bar to access to court which must be justified in terms of the* Ashingdane *principles*[33]*... ... omissis ... ... Where a claim belonging to an individual may only be pursued by another person or body, in the absence of any incapacitating feature as those above it may be harder for the restriction to be justified. In* Philis v Greece (No. 1), *the applicant engineer's claim for remuneration for work done could only be pursued by the Technical Chamber of Greece pursuant to decree. While this may have provided engineers with the benefit of experienced legal*

[32] F'dan is-sens, issir riferenza għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każijiet ***Golder vs. United Kingdom*** u ***Fayed vs. United Kingdom***.

[33] Fil-kawża ***Ashingdane v United Kingdom***, ġie deċiż illi l-Istat għandu marġni ta' apprezzament sabiex jillimita d-dritt t'aċċess għal Qorti, iżda dawn il-limitazzjonijiet ma jistgħux jirriduċu jew inaqqsu l-aċċess li jkun fadal lill-individwu b'mod li l-essenza nnifisha tad-dritt tiġi monka. In oltre, limitazzjoni ta' dan id-dritt ma tista' qatt tkun ġustifikabbli jekk ma tkunx issegwi skop leġittimu, u jekk ma jkunx hemm proporzjon raġjonevoli bejn il-mezzi mpjegati u l-iskop li jkun irid jintlaħaq.

*representation for little expense, the Court found it insufficient to justify removing the applicant's capacity to pursue and act in his own claim»*[34].

57. Il-proċedura applikabbli taħt il-Kapitolu 88 tal-liġijiet ta' Malta kienet li wara li d-dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tiġi notifikata, l-Kummissarju tal-Artijiet kellu, fl-inqas żmien prattikabbli, jibgħat lill-persuni notifikati avviż ta' ftehim (*notice to treat*) permezz ta' att ġudizzjarju, li fih ikun hemm dikjarat l-ammont ta' kumpens offrut skont valutazzjoni li tkun annessa mal-istess avviż, u liema avviż kellu allura jintima lill-persuna notifikata sabiex fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum min-notifika tal-avviż ta' ftehim, jiddikjara l-ammont u d-dettalji tal-kumpens pretiż minnu. Il-liġi kienet imbagħad tipprovdi li fejn il-persuna notifikata ma toġġezzjonax jew taċċetta l-kumpens offrut permezz tal-avviż ta' ftehim, il-Bord kellu, fuq rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet, jiddikjara l-kumpens dovut bħala dak li ġie offrut. Jekk il-persuna in kwistjoni toġġezzjona għal dak il-kumpens permezz ta' att ġudizzjarju ieħor, il-Bord kellu jiddeċiedi l-kwistjoni wara li jsir rikors mill-Kummissarju tal-Artijiet (viz. artikolu 22(3) tal-Kapitolu 88).

58. L-Artikolu 22 inbidel permezz ta' l-Att XI tal-2002. L-artikolu 12(1), li kien jipprovdi dwar il-proċedura tal-avviż ta' ftehim, ġie mħassar. L-artikolu 22 ġie emendat estensivament. Permezz tal-ewwel subinċiż emendat, fejn ikun hemm qbil bejn is-sid u l-Kummissarju tal-Artijiet dwar il-kumpens offrut, kemm wieħed u kemm l-ieħor setgħu jagħmlu rikors lill-Bord sabiex iwettaq dak il-ftehim. Fit-tieni subinċiż, ġie provdut illi l-offerta ta' kumpens kellha ssir fid-dikjarazzjoni tal-President stess, filwaqt li stima peritali kellha tkun annessa ma' dik id-dikjarazzjoni, flimkien ma' pjanta fejn din tkun disponibbli. Wara ħmistax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, somma flus ekwivalenti għall-kumpens offrut kellha tiġi depożitata f'kont bankarju li jgawdi minn imgħax. Din is-somma, flimkien mal-imgħaxijiet dekorsi, setgħet tiġi liberament żbankata mill-persuni intitolati għal dak il-kumpens, wara li dawn jipprovaw it-titolu tagħhom. L-approvazzjoni ta' dak it-titolu kellu jsir mill-Kummissarju tal-Artijiet, bil-mezz ta' att ġudizzjarju imressaq fi żmien xahrejn wara li l-prova tat-titolu tkun ġiet sottomessa lilu.

[34] ***Reid***, A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights, 4th Edition, pġa.109.

59. Il-ħames subinċiż, introdott ukoll permezz tal-Att XI tas-sena 2002, kien jippermetti li l-iżbank tal-flus depożitati jsir irrispettivament mill-fatt jekk il-persuna intitolata għal kumpens tkunx aċċettat l-ammont offrut. B'hekk l-iżbank seta' jsir mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' dik il-persuna li tieħu azzjoni sabiex jiġi determinat kienx jispetta lilha kumpens ulterjuri.

60. Permezz tal-Artikolu 22(6), ukoll introdott permezz tal-Att XI tas-sena 2002, fejn il-persuna li tkun intitolata għall-kumpens ma taċċettax l-ammont offrut lilha bħala wieħed adekwat, hija setgħet tirrikorri lill-Bord sabiex jiġi ffissat dak il-kumpens.

61. Premessi allura s-suesposti interventi leġislattivi għall-materja in diżamina, jemerġi mingħajr ebda dubju illi sal-promulgazzjoni tal-Att XI tas-sena 2002, kien biss il-Kummissarju tal-Artijiet li seta' jistitwixxi l-proċeduri ġudizzjarji opportuni sabiex jiġi ffissat il-kumpens dovut lill-persuna intitolata, fejn dik il-persuna ma taċċettax il-kumpens offrut. Dan wara li l-istess Kummissarju jkun innotifika lill-persuni b'interess legali fuq l-art meħuda b'avviż ta' ftehim li jkun fih id-dettalji dwar il-kumpens offrut.

62. Din il-pożizzjoni inbidlet fl-2002, kif suespost, billi l-persuna intitolata għall-kumpens setgħet tressaq rikors hija stess sabiex tkun tista' titlob li jiġi ffissat il-kumpens dovut.

63. Mill-premess kollu jemerġi li bejn is-sena 1969 u s-sena 2002, ir-rikorrenti u l-awturi tagħhom fit-titolu ma kellhomx il-jedd li jinizjaw huma stess proċeduri fil-Bord sabiex jiġi ffissat il-kumpens li kien imiss lilhom. Minħabba f'hekk, għalkemm it-teħid sar fis-sena 1969, il-proċeduri ma ġewx inizjati mill-Kummissarju tal-Artijiet qabel is-sena 1984. Dawn il-proċeduri sussegwentement ġew ċeduti minnu fl-2003 – ċessjoni li setgħet issir biss għaliex il-kawża nbdiet minnu, u għalhekk kienet fil-kontroll tiegħu li jċedi.

64. Din is-sitwazzjoni, konsistenti allura mill-esklużjoni tar-rikorrenti u tal-awturi tagħhom fit-titolu li jibdew il-proċeduri huma stess, kienet inkonsistenti ma' dak li jipprovdu l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, li kellu effett f'Malta mit-30 t'April, 1987. F'dan is-sens kienet id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ***Avukat Dottor Rene' Frendo Randon et vs. Il-Kummissarju ta' l-Art et***

(10/7/2009), kif ukoll fil-kawża ***B. Tagliaferro & Sons Limited vs. Il-Kummissarju tal-Art et*** (Qorti Kostituzzjonali, 31/5/2013).

65. Ġie bosta drabi deċiż li ż-żmien li jrid jittieħed qies tiegħu sabiex jiġi determinat jekk persuna ingħatatx smigħ fi żmien raġjonevoli ma jibdix jitqies minn meta jiġu istitwiti l-proċeduri nnifishom, billi jrid jittieħed qies anki taż-żmien li jkun għadda qabel il-bidu ta' dawk il-proċeduri jekk dak iż-żmien kien wieħed li fih dik il-persuna kienet xorta waħda milquta bil-ħtieġa li d-drittijiet ċivili tagħha jiġu determinati. F'dan is-sens, u wkoll dwar teħid t'art fl-istess inħawi u għall-istess skop bħal dak mertu tal-kawża odjerna, issir riferenza għad-deċiżjoni ***Andrew Briffa et vs. Kummissarju ta' l-Art et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 27/11/2008), fejn ġie meqjus li kien hemm ksur tal-artikolu 39 biss minħabba d-dewmien biex jiġu preżentati l-proċeduri mill-Kummissarju tal-Artijiet. Fl-istess sens hija d-deċiżjoni fil-kawża ***Allied Newspapers Limited vs. Avukat Ġenerali et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 11/07/2001, ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, 2/12/2003).

**66. Madanakollu l-qorti hija prekluża milli tqis dan iż-żmien tal-ilment tar-rikorrenti. Dan għaliex ilment dwar id-dewmien u l-ksur tad-dritt ta' Pawlu Cachia għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli kien ukoll jifforma l-mertu tal-kawża bin-numru 586/1997, li ġiet deċiża finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Diċembru 2001, u li fihom Cachia kienet ingħata (sa ċertu punt) raġun fl-ilment tiegħu.**

67. Kif rajna, b'effett tal-emendi li seħħew fis-sena 2002, is-sid seta' jirrikorri direttament għand il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet għall-fissazzjoni tal-kumpens, u b'hekk il-vjolazzjoni tad-dritt tas-sidien li jkollhom aċċess għal qorti jew tribunal indipendenti u mparzjali ġie rimedjat. Jekk ir-rikorrenti naqsu milli jirrikorru għal dik il-proċedura (għaliex f'dak iż-żmien l-ewwel interess tagħhom kien li jimpunjaw l-interess pubbliku wara l-esproprjazzjoni), ma jistax jaħti l-Istat għaliex il-proċeduri ma sarux.

68. Għalhekk l-ilment min-naħa tar-rikorrenti taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea mhux qed jiġi milqugħ.

Ikkunsidrat:

69. Inqisu issa l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Din id-dispożizzjoni tgħid hekk:

> (1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist -
>
> (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;
> (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u
> (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:
>
> Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.

70. Huwa nkontestabbli li l-esproprjazzjoni ta' beni privati huwa l-eżempju klassiku ta' teħid b'mod obbligatorju; teħid li, biex ma jkunx jivvjola l-Kostituzzjoni, irid jinkludi fih mezz kif is-sid esproprjat jingħata kumpens xieraq, kif ukoll aċċess għal tribunal indipendenti u mparzjali b'kompetenza li jiffissa dak il-kumpens xieraq, bi dritt t'appell lill-Qorti tal-Appell.

71. Fejn ikun hemm dewmien biex jingħata l-kumpens xieraq, jew biex jinbdew il-proċeduri li permezz tagħhom jista' jiġi ffissat il-kumpens xieraq, ikun hemm vjolazzjoni tal-artikolu 37, għaliex id-dewmien sabiex jitħallas il-kumpens jekwivali għal nuqqas ta' kumpens, u dan huwa ksur tal-artikolu preżentement taħt eżami. Il-qorti tenfażizza li l-vjolazzjoni ma tinbitx minħabba l-indoli tal-proċedura provduta mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-liġijiet ta' Malta. Dik il-proċedura hija salvata mill-effetti tal-artikolu 37 bis-saħħa tal-artikolu 47(9). Il-vjolazzjoni titnissel minħabba l-

mod kif l-Awtorità intimata (u meta l-qorti tgħid "l-Awtorità intimata", tkun qed tirreferi wkoll għall-predeċessur tagħha, l-Kummissarju tal-Artijiet) mexxiet jew ma mexxietx dik il-proċedura. Kif rajna, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 kif kienu veljanti sal-2002, is-sid esproprjat kien prekluż milli jistitwixxi huwa stess proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss bħala "il-Bord"), u kien biss il-Kummissarju tal-Artijiet li seta' jibda l-proċeduri għall-fissazzjoni tal-kumpens. Is-sid seta' biss jaċċetta l-kumpens offrut minnu jew inkella, kif ġara f'dan il-każ, jikkontestah bl-ispedizzjoni ta' ittra uffiċċjali.

72. Mill-provi prodotti f'din il-kawża rriżulta li missier ir-rikorrenti ġie notifikat bit-teħid u bid-dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali fis-sena 1969. Fl-istess sena, ħareġ l-avviż ta' ftehim li ġie notifikat lilu, u huwa kkontesta l-kumpens offrut lilu. Kien biss fis-sena 1984, u ċjoè ħmistax-il sena wara, li l-Kummissarju tal-Artijiet beda proċeduri quddiem il-Bord biex jiġi ffissat il-kumpens. Dawn il-proċeduri ma tmexxewx b'ħeffa, u baqgħu ikarkru sakemm ingħatat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Diċembru 2001, permezz ta' liema sentenza ġiet ukoll ikkonfermata d-deċiżjoni tal-ewwel istanza li sabet vjolazzjoni fid-drittijiet ta' Pawlu Cachia li ma kienx qed jingħata smigħ fi żmien raġjonevoli quddiem il-Bord. Madwar sentejn wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Kummissarju tal-Artijiet ċeda l-kawżi quddiem il-Bord, u ma reġgħax beda proċeduri oħra.

73. Fil-qosor għalhekk, illum, u ċjoè aktar minn ħamsin sena wara d-dikjarazzjoni ta' teħid, ir-rikorrenti ma jidhrux eqreb li jiġu kkumpensati milli kienu dakinhar tat-teħid.

74. Huwa minnu li l-atti juru li r-rikorrenti, u qabilhom il-ġenituri tagħhom, wettqu kontestazzjoni sħiħa fir-rigward tal-interess pubbliku li kellu jilleġittima t-teħid ta' ħwejjiġhom. Din il-kontestazzjoni magħmula mir-rikorrenti ma tistax però titqies temerarja, speċjalment la darba r-rikorrenti saħansitra kien anki rnexxielhom f'parti mill-ilmenti tagħhom, tant li anki kisbu r-rilaxx ta' parti mill-proprjetà tagħhom. U minkejja din il-kontestazzjoni, li tassew baqgħet għaddejja għal numru mhux ftit ta' snin, il-Kummissarju tal-Artijiet u warajh l-Awtorità tal-Artijiet baqgħu dejjem bid-dmir li jieħdu dawk il-passi neċessarji sabiex jiġi ffissat il-kumpens spettanti lir-rikorrenti. Dan id-dmir baqa' jissussisti anki wara l-emendi leġiżlattivi tal-2002, li bihom is-sid ingħata d-dritt li jirrikorri direttament lill-Bord sabiex jiġi ffissat il-

kumpens dovut lilu. Dan hu hekk għaliex huwa dmir tal-Istat dak li jħallas il-kumpens dovut lis-sid għat-teħid ta' ħwejġu, u l-Istat ma jistax jeħles mill-konsegwenzi tal-letarġija tiegħu fl-adempiment ta' dak id-dmir billi jgħid li s-sid seta' ressaq kawża hu.

75. Anki jekk wieħed iwarrab iż-żminijiet li fihom kienu għaddejjin il-kontestazzjonijiet tar-rikorrenti u tal-ġenituri tagħhom, ma jistax ħlief jiġi konkluż li kien hemm dewmien li huwa eżaġerat. Sa mill-bidu nett, il-Kummissarju tal-Artijiet dam ħmistax-il sena wara li kien notifikat bil-fatt li Cachia ma kienx aċċetta l-kumpens offrut biex beda l-proċeduri quddiem il-Bord. Proċeduri li kienu għadhom għaddejjin meta, fis-sena 1997, Cachia ressaq l-ewwel kawża kostituzzjonali tiegħu. Din il-kawża ġiet deċiża fl-2001, u l-Kummissarju tal-Artijiet irtira l-kawżi quddiem il-Bord fl-2003. Mar sar xejn aktar għal tliet snin meta l-konjuġi Cachia ressqu t-tieni kawża kostituzzjonali, li ġiet deċiża fl-2014. Wara l-2014 (u minkejja l-petizzjoni tar-rikorrenti fil-Qorti ta' Strasburgu), il-Kummissarju tal-Artijiet u warajh l-Awtorità baqgħu ma ħadu ebda azzjoni.

76. Il-qorti ssib ukoll li l-fatt li l-Kummissarju tal-Artijiet kellu jirtira l-kawżi quddiem il-Bord minħabba s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Diċembru 2001 hija riflessjoni ħażina fuq l-istess Kummissarju, u mhux raġuni li tiġġustifika l-għemil tiegħu. Wara kollox, il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat parti mit-teħid ta' ħwejjeġ ir-rikorrenti bħala mingħajr effett b'konsegwenza tal-fatt li parti mill-artijiet baqgħu mhux utilizzati u lanqas ma ġew inklużi fiż-żoni tal-Port Ħieles. Dak li allura għamlet il-Qorti Kostituzzjonali kellu fil-verità jsir mill-Kummissarju tal-Artijiet, u għalhekk il-fatt li l-każ quddiem il-Bord kellu jiġi ċedut wara kważi għoxrin sena huwa nuqqas li huwa biss imputabbli lill-Kummissarju tal-Artijiet.

77. Illi r-raġunijiet kollha fuq imfissra jwasslu wkoll għall-konklużjoni li d-drittijiet tar-rikorrenti (u tal-awturi fit-titolu tagħhom) ġew leżi anki mill-ottika tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Huwa risaput li l-Istat huwa leġittimat li jieħu l-proprjetà tal-privat fl-interess pubbliku, b'dan li huwa jkun obbligat jirrispetta l-proporzjonalità bejn l-interess tal-komunità u d-drittijiet tal-individwu. Dan huwa dak li l-Qorti ta' Strasburgu sejħet bħala "*fair balance test*". Meta l-interess pubbliku u ġenerali jiġġustifikaw l-interferenza u t-teħid ta' proprjetà, huwa obbligu tal-Istat li jaċċerta ruħu li dak l-individwu li bi ħwejġu jkun qed jagħmel tajjeb għall-interess pubbliku, ma jkollux għalfejn jerfa' piż li jkun aktar oneruż minn dak neċessarju. Dan

l-aspett tad-dritt fondamentali invokat ġie ampjament meqjus mill-Qorti ta' Strasburgu fid-deċiżjoni ***Sporrong and Lönnroth vs. Sweden***.

78. Il-fatt li jseħħ dewmien mhux ġustifikat biex jitħallas kumpens għat-teħid forzuż t'art jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-artikolu appena ċitat billi dak id-dewmien ikun qed iżid, u mhux inaqqas, il-piż sproporzjonat li l-individwu li tkun itteħditlu l-proprjetà jkollu jerfa'. Dewmien li jista' jwassal għall-ksur ta' aktar minn dispożizzjoni waħda tal-Konvenzjoni Ewropea. Intqal hekk mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ***Erkner and Hofauer vs. Austria***[35]:

> According to the Government, the length of the proceedings is not a matter for consideration under Article 1 of Protocol No. 1 (P1-1) if the Court has already ruled it to have been in breach of Article 6 § 1 (art. 6-1) of the Convention. Such an argument is inconsistent with the Court's case-law, from which it is apparent that one and the same fact may fall foul of more than one provision of the Convention and Protocols (see, for example, the Airey judgment of 9 October 1979, Series A no. 32, p. 17, §§ 31-33). Moreover, the complaint made under Article 6 § 1 (art. 6-1) can be distinguished from the complaint relating to Article 1 of the Protocol (P1-1). In the former case, the question was one of determining whether the length of the consolidation proceedings had exceeded a "reasonable time", whereas in the latter case their length - whether excessive or not - is material, together with other elements, in determining whether the disputed transfer was compatible with the guarantee of the right of property.

79. Fi kliem ieħor għalhekk id-dewmien fil-ħlas tal-kumpens jista' wkoll jikkostitwixxi ksur taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll meta dak id-dewmien ikollu l-effett li jċaħħad lis-sidien mit-tgawdija tal-kumpens li jistħoqqilhom. Għaliex wara kollox anki dak il-kumpens jikkostitwixxi "possediment", u huwa pależi li r-rikorrenti ġew imċaħħda għal żmien twil mit-tgawdija ta' dak il-possediment.

80. Dan apparti l-fatt li f'din il-kawża l-qorti għandha tqis issa kif għandu jkun kalkolat il-kumpens spettanti lir-rikorrenti skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja, bil-għan li

[35] 24/3/1987.

tasal għall-konklużjoni tagħha dwar jekk dak il-kumpens, hekk ikkalkolat, iwassalx għal dak li jista' jitqies kumpens ġust jew le.

81. Issa skont l-artikolu 65(5) tal-Kapitolu 573:

> Jekk meta kien inħareġ l-avviż tal-ftehim, is-sid kien għażel li ma jaċċettax il-prezz offrut fl-avviż permezz ta' att ġudizzjarju, il-kumpens li għandu jitħallas mill-awtorità għandu jkun stabbilit mill-Bord tal-Arbitraġġ, liema kumpens għandu jinħadem skont il-valur tal-art fiż-żmien li nħarġet id-dikjarazzjoni, kif aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar.

82. Mela allura skont din id-dispożizzjoni, il-kumpens li huwa dovut lir-rikorrenti għall-akkwist tal-art hu l-valur fis-sena 1969, aġġornat mas-snin skont l-indiċi tal-inflazzjoni.

83. Fir-rigward ta' dak li jista' jitqies bħala kumpens xieraq, ġie miżmum li: «*Compensation terms under the relevant legislation are material to the assessment whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it does not impose a disproportionate burden on the applicants. In this connection, the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value will normally constitute a disproportionate interference and a total lack of compensation can be considered justifiable under Article 1 (P1-1) only in exceptional circumstances. Article 1 (P1-1) does not, however, guarantee a right to full compensation in all circumstances, since legitimate objectives of "public interest" may call for less than reimbursement of the full market value (see the Lithgow and Others v. the United Kingdom judgment of 8 July 1986, Series A no. 102, pp. 50-51, para. 121)*»[36]. Fid-determinazzjoni ta' dak li jikkostitwixxi kumpens ġust, l-Istat għandu diskrezzjoni dwar jekk jipprovdiex aġġustamenti sabiex jagħmlu tajjeb għall-inflazzjoni. Fejn ma jkunx hemm tali aġġustament provdut, dan in-nuqqas ġie meqjus li jidħol fil-marġni t'apprezzament tal-Istat[37].

[36] ***Holy Monasteries vs. Greece***, 9/12/1994, §71.
[37] ***Lithgow and others vs. United Kingdom***, 8/7/1986, §144-147.

84. Fil-***Guide to Article 1 of Protocol No. 1 to the European Convention on Human Rights***[38] huwa indikat dan li ġej, b'rilevanza partikolari għall-fatti ta' dan il-każ:

> 179. The balance between the general interest of the community and the requirements of the protection of individual fundamental rights mentioned above is generally achieved where the compensation paid to the person whose property has been taken is reasonably related to its "market" value, as determined at the time of the expropriation (Pincová and Pinc v. Czech Republic, § 53, Gashi v. Croatia, § 41; Vistiņš and Perepjolkins v. Latvia [GC], § 111; Guiso-Gallisay v. Italy (just satisfaction) [GC], § 103; Moreno Diaz Peña and Others v. Portugal, § 76). Any other approach could open the door to a degree of uncertainty or even arbitrariness (Vistiņš and Perepjolkins v. Latvia [GC], § 111).

85. Il-fatt għalhekk li l-artikolu 65 tal-Kapitolu 573 jorbot il-valur tal-proprjetà espropjata maż-żmien tad-dikjarazzjoni tat-teħid m'huwiex għalhekk inkompatibbli mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Huwa minnu li meta ssir id-dikjarazzjoni tat-teħid, il-proprjetà tibqa' tal-privat u huwa biss il-pussess li jgħaddi favur l-Istat. Il-proprjetà ssir tal-Istat biss meta jiġi kompletat ix-xiri b'titolu assolut permezz tal-att pubbliku. Madanakollu bit-teħid tal-pussess, legalment is-sid ikun tilef it-tgawdija tal-proprjetà tiegħu, u huwa dak il-*punctum temporis* li jrid jittieħed qies tiegħu bħala l-mument tal-esproprjazzjoni. Anki l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem waslet għall-istess konklużjoni fil-każ ***Schembri and others vs. Malta***[39] meta qieset: «*However, since according to the Maltese legal context, the applicants have to date not lost ownership of the property, the Court considers it appropriate to base itself on the value of the land when the applicants first lost "possession"*».

86. Ir-rikorrenti jsostnu li fil-komputazzjoni tal-valur spettanti lilhom, għandu jittieħed qies tal-fatt li l-valur tal-art inbidel miż-żmien tad-dikjarazzjoni, u li huma bħala sidien għandhom jibbenefikaw minn kull akkrexximent li seħħ f'dak il-valur. Il-qorti ma taqbilx ma' din il-pretensjoni tar-rikorrenti. Kif irriżulta anki mix-xiehda tal-perit imqabbad mir-rikorrenti stess, l-użu tal-art tar-rikorrenti ġie amplifikat minn dak li jirriżulta li kien l-użu oriġinali tagħha (u ċjoè art agrikola) proprju bis-saħħa tat-teħid

[38] Pubblikat fil-31 t'Awwissu 2022.
[39] 28/9/2010.

ta' dik l-art mill-Istat u bl-użu tagħha bħala żona tal-Port Ħieles. Il-mutament fl-użu u fid-destinazzjoni tal-art esproprjata b'konsegwenza tal-istess esproprjazzjoni ma jistax jopera kif iridu r-rikorrenti, u dan isaħħaħ il-konklużjoni ta' din il-qorti li l-valur li wieħed għandu jieħu qies tiegħu meta jiġi biex jikkomputa l-kumpens spettanti lis-sidien hu dak fiż-żmien qabel ma l-art tittieħed il-pussess tagħha mill-Istat. Bl-istess mod kif din is-sistema tittutela lis-sidien mill-konsegwenzi avversi li jista' jkun hemm fil-valur tal-art wara t-teħid, hekk ukoll però tipprekludi lis-sidien milli jieħdu vantaġġ mill-akkrexximent tal-valur li jista' jseħħ b'konsegwenza ta' dak it-teħid.

87. Madanakollu huwa miżmum fl-istess linjigwida fuq ċitati li:

> 181. Unreasonable delay in payment of compensation is another relevant factor (Almeida Garrett, Mascarenhas Falcão and Others v. Portugal, § 54; Czajkowska and Others v. Poland, § 60). The Court found against the State in a case where the fact that the public authorities determining the amount of compensation did not take account of the fact that over twenty years had elapsed and the applicant had not yet received any compensation (Schembri and Others v. Malta, § 43). A delay of seventy-five years in payment of compensation gave rise to a violation of Article 1 of Protocol No. 1 (Malama v. Greece, § 51).
>
> 182. Abnormally lengthy delays in the payment of compensation for expropriation in the context of hyperinflation led to increased financial loss for the person whose land has been expropriated, placing him in a position of uncertainty (Akkus v. Turkey, § 29; Aka v. Turkey, § 49). Even if at the time when the Court examines the case a part of the compensation was already paid, the delay in paying compensation in full remains problematic (Czajkowska and Others v. Poland, § 62).

88. Din il-qorti ġjà qieset li fil-każ tar-rikorrenti kien hemm u għad hemm dewmien eżaġerat. Il-kwistjoni għalhekk hi jekk il-valur tal-artijiet meħuda fis-sena 1969, aġġustat skont l-indiċi tal-inflazzjoni, iwassalx għal mod aktar ġust kif jiġi ffissat il-kumpens li jistħoqqilhom, la darba issa l-valur tal-flus inbidel kif inbidel minn dak iż-żmien sal-lum. Il-qorti tqis ukoll li, skont l-artikolu 66 tal-Kapitolu 573, ir-rikorrenti għandhom ukoll il-jedd tal-imgħax bir-rata sempliċi ta' 8% b'effett mid-data tad-dikjarazzjoni. F'termini prattiċi u eżemplifikattivi, jekk art fis-sena 1969 kienet tiswa

l-ekwivalenti ta' €3,546[40], dak il-valur aġġornat skont l-indiċi tal-inflazzjoni (ċjoè 55 sena wara) jiġi €19,113. Addizzjonalment, is-sid ikollu wkoll dritt għal imgħaxijiet, li għaż-żmien kollu relattiv jiġi jammonta għal €84,097. Dan l-ammont, li kumplessivament jiġi €103,210, mhux wisq il-bogħod mill-valuri ndikati mill-perit tar-rikorrenti sas-sena 1995. Naturalment, il-valuri ndikati wara s-sena 1995 mhux jitqiesu rilevanti minn din il-qorti, billi dawn jirriflettu t-tibdil li seħħ fl-art konsegwenza tal-esproprjazzjoni nnifisha.

89. Kollox ma' kollox din il-qorti ma ssibx li l-mod preskritt fil-Kapitolu 573 għall-kalkolazzjoni tal-kumpens li jmiss lir-rikorrenti ma jwassalx għal kumpens adekwat kif meħtieġ mill-artikolu 37 u mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ***Henry Deguara Caruana Gatto et vs. Awtorità tal-Artijiet*** (12/1/2023):

> Din il-Qorti taqsam il-fehma tal-Ewwel Qorti li l-fatt li l-appellanti ser jitħallsu l-valur tal-art fiż-żmien meta tkun inħarġet id-dikjarazzjoni aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, oltre l-imgħax bir-rata ta' 8%, jikkostitwixxi kumpens xieraq għat-teħid tal-artijiet. Altru li l-Kap. 573 jipprovdi rimedju adegwat. Dawn l-emendi kienu ċertament miljorament fuq il-liġi l-antika li jixhdu tentattiv sabiex jintlaħaq bilanċ aħjar bejn linteress ġenerali u l-piż li jġorr l-individwu fil-proċess tal-esproprazzjoni, sabiex il-likwidazzjoni ta' kumpens tkun waħda aktar ġusta.

90. Dawn l-emendi mwettqa permezz tad-dispożizzjonijiet diġà ċitati tal-Kapitolu 573 huma wkoll konformi ma' dak li ġie kkunsidrat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ***Azzopardi vs. Malta***[41], meta osservat: «*The Court therefore considers that the compensation in the present case should – as in other similar cases (see, for example, Frendo Randon and Others v. Malta, (just satisfaction), no. 2226/10, § 20, 9 July 2013) – be based on the guidelines established in Schembri and Others v. Malta ((just satisfaction), no. 42583/06, § 18, 28 September 2010). The sum to be awarded to the applicant should therefore be calculated on the basis of the value of the*

[40] Dan hu l-valur indikat mill-perit tar-rikorrenti għall-plots 3, 5 u 24.
[41] 6/11/2014.

*land at the time of the taking, converted to the current value to offset the effects of inflation, plus simple statutory interest applied to the capital progressively adjusted*».

91. Għalhekk mhux qed issib fondati l-ilmenti tar-rikorrenti f'dan ir-rigward, u se tkun qed tirrispinġihom.

92. Illi fit-tielet talba tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu wkoll kumpens għaż-żamma tal-proprjetà tagħhom mid-dikjarazzjoni u t-teħid tal-pussess legali sal-lum. In sostenn ta' din il-pretensjoni tagħhom, ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jagħmlu riferenza għad-deċiżjonijiet ***Cauchi vs. Malta***[42] u ***Hirschhorn vs. Romania***[43]. L-ewwel deċiżjoni ċitata tirrigwarda fattispeċi kompletament differenti, u ċjoè kontroll t'użu ta' proprjetà b'konsegwenza ta' kirja protetta, u għalhekk ma tgħinx lir-rikorrenti. Hekk ukoll, il-fattispeċi tat-tieni deċiżjoni ċitata ukoll kienu differenti – senjatament, l-Istat f'dik il-kawża kien okkupa proprjetà tal-privat illegalment u kienet anki ġiet injorata deċiżjoni ta' qorti domestika sabiex il-pussess ta' dik il-proprjetà tingħata lura lil sidha.

93. Fil-kuntest ta' esproprjazzjoni taħt il-liġi ordinarja Maltija, il-qorti tirrileva li fejn l-Istat ikun wettaq kif imiss id-dikjarazzjoni ta' teħid, il-pussess legali tal-proprjetà tiġi vestita fih *ipso iure*. Dan kien hekk fiż-żmien rilevanti b'konsegwenza tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 88. Isegwi allura li minn dak il-mument, il-pussess tal-proprjetà privata mill-Istat ma tistax titqies bħala llegali, u la hija legali, mela allura ma tagħtix lis-sid dritt għall-kumpens għaż-żamma tal-proprjetà. Il-qagħda hija differenti fejn l-Istat jokkupa proprjetà tal-privat mingħajr ma tkun saret l-esproprjazzjoni permezz tad-dikjarazzjoni (ara, per eżempju, ***Andrew Agius et vs. Direttur Dipartiment tat-Toroq et***, Appell Superjuri, 17/3/2021). Huwa f'dawk iċ-ċirkostanzi li jitqies li l-Istat huwa okkupant abbużiv tal-proprjetà, u bħal kull okkupant abbużiv ieħor, ikun tenut jikkumpensa lis-sid.

94. Id-dritt tas-sid esproprjat, ukoll skont il-ġurisprudenza kollha li rat din il-qorti, huwa li jingħata kumpens għat-teħid ta' ħwejġu, liema kumpens għandu jkun jirrifletti l-valur tal-proprjetà tiegħu fiż-żmien tat-teħid. Fejn imbagħad il-kumpens ma jitħallasx fiż-

[42] 25/3/2021.
[43] 26/7/2007.

żmien tat-teħid, jew fi żmien raġjonevoli wara, ikun hemm il-ħtieġa li dak il-kumpens jiġi aġġustat biex jagħmel tajjeb għal kull żvalutar fil-flus li jkun seħħ fiż-żmien mit-teħid sa dakinhar li l-kumpens ikun jista' jitħallas. Kif rajna, l-liġi ordinarja taħt il-Kapitolu 573 tippermetti l-aġġustamenti neċessarji, u għalhekk ma jidhirx li f'dak l-aspett, id-drittijiet tar-rikorrenti ġew ivvjolati.

95. Il-pretensjoni tar-rikorrenti għall-kumpens għaż-żamma tal-proprjetà meħuda għalhekk mhux qed tiġi milqugħa.

Ikkunsidrat:

96. Illi jifdal għalhekk li din il-qorti tara x'inhuma r-rimedji li għandhom jingħataw lir-rikorrenti.

97. Permezz tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq magħmula, din il-qorti ġjà waslet għall-konklużjoni li:

i) ma sabet ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti taħt l-artikolu 39 u l-artikolu 6, la darba b'effett mis-sena 2002, kienu muniti bid-dritt li jirrikorru quddiem il-Bord għall-fissazzjoni ta' kumpens, u la darba dwar iż-żmien anterjuri hemm diġà sentenza finali permezz tal-kawża numru 586/1997;

ii) hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti taħt l-artikolu 37 u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll minħabba d-dewmien kalkolat mid-dikjarazzjoni tat-teħid, li saret fl-1969, sal-lum, billi r-rikorrenti għadhom ma rċievew ebda kumpens;

iii) m'hemmx ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti jekk il-kumpens spettanti lilhom jiġi kalkolat skont l-artikoli 65 u 66 tal-Kapitolu 573 tal-liġijiet ta' Malta;

iv) m'hemmx dritt favur ir-rikorrenti li jirċievu kumpens għall-użu tal-art esproprjata.

98. Il-qorti ħasbet fit-tul dwar jekk hija għandhiex tipproċedi biex tikkalkola hi stess il-kumpens spettanti lir-rikorrenti f'din il-kawża. Dan l-aspett tal-kwistjoni ħabbatha

ħafna, b'mod partikolari għaliex il-provi li tressqu f'din il-kawża qajla jistgħu jitqiesu adekwati għall-aħjar istruzzjoni ta' dan l-aspett tal-vertenza. Tassew li r-rikorrenti ressqu valutazzjoni bix-xiehda tal-perit imqabbda minnhom, iżda mill-istess valutazzjoni kif ukoll mill-kontro-eżami li sar lil din il-perit, jirriżulta li l-valutazzjonijiet magħmula minnha huma kompletament awtonomi minn dak li ġie preskritt fil-Kapitolu 573. Il-qorti kkunsidrat ukoll li skont l-istess liġi ordinarja, huwa l-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet li huwa l-organu ġudizzjarju bil-kompetenza speċjali li jiffissa l-kumpens dovut lis-sidien ta' beni esproprjati.

99. Min-naħa l-oħra, però, l-qorti ma tistax ma tqisx ukoll li jekk se żżomm lura milli tagħti hi l-kumpens lir-rikorrenti, se tkun qed tħalli tipperdura għal aktar żmien sitwazzjoni li hija ġjà sabet li tikser id-drittijiet fondamentali tagħhom. Dan mhux kompatibbli mal-funzjonijiet ta' din il-qorti, li hija fid-dmir li mhux biss tagħti rimedju għal ksur ġjà mġarrab, imma wkoll li twaqqaf kull ksur li għadu għaddej. Għalhekk il-qorti qed tasal għall-konklużjoni li hija għandha tipproċedi biex tiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrenti, liema kumpens għandu jinħadem skont l-artikoli 65 u 66 tal-Kapitolu 573, kif diġà konkluż minnha. Din il-konklużjoni hija wkoll konformi ma' deċiżjonijiet aktar riċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali, u diġà ċitati band'oħra f'din is-sentenza.

100. Dan apparti l-fatt li l-artikolu 65(8) tal-Kapitolu 573 jista' jkun ta' xkiel għal kull azzjoni li għad tista' ssir mir-rikorrenti quddiem il-Bord, b'dan illi l-qorti b'ebda mod ma hija qed tippronunzja ruħha dwar il-kompatibilità tal-imsemmi artikolu mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropea.

101. Din il-qorti żammet ukoll quddiem għajnejha li, b'sentenza tat-30 ta' Ġunju 2020, hija għażlet li ma tiddeklinax milli teżerċita s-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea minħabba li r-rikorrenti setgħu jipproċedu skont il-Kapitolu 573 tal-liġijiet ta' Malta, u għalhekk ikun issa nkonsistenti min-naħa tagħha li żżomm lura milli tagħti kumpens lir-rikorrenti u minflok tidderiġihom biex jipproċedu skont il-liġi ordinarja.

102. L-artijiet li dwarhom se jirċievu kumpens ir-rikorrenti huma dawn:

i. l-art tal-kejl ta' żewġt itmiem u siegħ, li tmiss mit-tramuntana, mill-punent u min-nofsinhar ma' beni ta' Anthony Grixti. Din l-art hija ndikata fuq il-pjanta tal-Awtorità tal-Artijiet (a folio 376) bħala plot 3;
ii. art tal-kejl ta' erbat itmiem żewġ siegħan ħames kejliet u seba' deċimi ta' kejla, li tmiss mil-lbiċ mat-triq, mill-majjistral ma' beni ta' Anthony Grixti u mill-grigal u mil-lvant ma' beni tas-Servizz. Din l-art hija ndikata fuq il-pjanta tal-Awtorità tal-Artijiet bħala plot 5;
iii. art tal-kejl ta' tliet itmiem u kejla u nofs, li tmiss mil-lbiċ ma' sqaq, mill-punent ma' beni ta' John Azzopardi, u mill-grigal in parti ma' proprjetà ta' Joseph Vassallo u in parti ma' proprjetà ta' Anthony Grixti. Din hija ndikata bħala plot 6 fuq il-pjanta tal-Awtorità intimata;
iv. art tal-kejl ta' tliet itmiem ħames siegħan u ħames kejliet u erba' deċimi ta' kejla, li tinkludi nofs il-wisa' ta' sqaq, li tmiss mill-grigal ma' triq, mil-lvant ma' sqaq u min-nofsinhar ma' beni ta' Vincenza Pullicino u oħrajn. Din l-art hija ndikata bħala plot 24 fuq il-pjanta tal-Awtorità intimata;
v. art oħra ta' sebat itmiem, erba' siegħan u żewġ kejliet u villa magħrufa bħala "Villa Cachia" li dwarha r-rikorrenti għandhom terz indiviż. Din l-art hija ndikata bħala plot 16 fuq il-pjanta tal-Awtorità intimata. Minħabba l-qasma li saret bil-kuntratt tan-Nutar Sciberras tat-12 ta' Mejju 1978, se jiġu kkunsidrati l-partijiet diviżi assenjati lil Paul Cachia, u li fl-istess kuntratt jingħad li għandhom kejl ta' 2,494.14 metri kwadri.

103. Illi l-qorti se tieħu l-valuri indikati minn Pawlu Cachia fl-ittri uffiċċjali spediti minnu in kontestazzjoni tal-valuri offruti lilu mill-Kummissarju tal-Artijiet (ara folio 394 u 398). Qed tagħmel hekk għaliex, b'emendi li saru wkoll fis-snin elfejn, il-Bord ġie prekluż milli jagħti lis-sidien aktar mill-ammonti ndikati minnhom bħala l-valuri tal-proprjetà esproprjata. Limitazzjoni din li għadha teżisti anki taħt il-Kapitolu 573. Għalhekk dawk il-valuri jippreżentaw l-aħjar ipoteżi għar-rikorrenti. Min-naħa l-oħra, l-qorti jidhrilha li huwa nuqqas tal-Awtorità intimata li m'hemmx valuri oħrajn u forsi aktar preċiżi fl-atti, u dak in-nuqqas għalhekk għandu jgħodd kontra tagħha.

104. Fir-rigward tal-plot 16, li l-valur tagħha ġie ndikat fir-rigward tal-kejl intier ta' 8,655.8 metri kwadri, se jiġi attribwit valur *pro rata* għall-art effettivament assenjata lil Cachia bil-kuntratt ta' diviżjoni fuq imsemmi.

| **Art (Plot)** | **Valur (€)** | **Aġġornat bl-Indiċi tal-Inflazzjoni** | **Imgħax (55 sena)** | **Total (€)** |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| 3 | 931.75 | 5,022.30 | 22,098.12 | 27,120.42 |
| 5 | 2329.37 | 12,555.72 | 55,245.16 | 67,800.88 |
| 6 | 3494.06 | 18,833.60 | 82,867.84 | 101,701.44 |
| 24 | 3494.06 | 18,833.60 | 82,867.84 | 101,701.44 |
| 16 | 4,604.44 | 24,818.75 | 109,202.50 | 134,021.25 |
| | | | | **432,345.43** |

105. Dan huwa allura l-kumpens li jistħoqqilhom ir-rikorrenti għall-art in kwistjoni, kalkolat skont il-Kapitolu 573, liema metodu din il-qorti sabet li huwa konformi mad-drittijiet fondamentali tal-istess rikorrenti.

106. Jonqos biss li jiġi ffissat kumpens għad-danni morali favur ir-rikorrenti. Kif inhu issa magħruf, ir-rikorrenti ma jistgħux jippretendu kumpens taħt dan ir-ras għaż-żmien li matulu l-proprjetà kienet tal-ġenituri tagħhom, u dan billi l-kumpens non-pekunjarju ma jintiritx. Għalhekk għaż-żmien li fih ir-rikorrenti kienu sidien tal-proprjetà in kwistjoni u b'hekk ġarrbu leżjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom minħabba dewmien fl-għoti tal-kumpens, din il-qorti qed takkordalhom kumpens għal danni morali fis-somma kumplessiva ta' ħamest elef Ewro (€5,000).

107. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda, għar-raġunijiet kollha fuq spjegati, taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tastjeni milli tqis aktar l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, billi ġiet irtirata;

(ii) tiċħad it-tieni, t-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba', id-disa', il-ħdax, it-tnax, l-erbatax u l-ħmistax -il eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat;

(iii) tilqa' l-ħames, it-tmien, l-għaxar, it-tlettax u s-sittax-il eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat;

(iv) tiċħad it-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-intimata Awtorità tal-Artijiet;

(v) tilqa' s-sitt eċċezzjoni tal-intimata Awtorità tal-Artijiet;

(vi) tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta fis-sens illi tiddikjara li fir-rigward ta':

i. l-art tal-kejl ta' żewġt itmiem u siegħ, li tmiss mit-tramuntana, mill-punent u min-nofsinhar ma' beni ta' Anthony Grixti. Din l-art hija ndikata fuq il-pjanta tal-Awtorità tal-Artijiet (a folio 376) bħala plot 3;
ii. art tal-kejl ta' erbat itmiem żewġ siegħan ħames kejliet u seba' deċimi ta' kejla, li tmiss mil-lbiċ mat-triq, mill-majjistral ma' beni ta' Anthony Grixti u mill-grigal u mil-lvant ma' beni tas-Servizz. Din l-art hija ndikata fuq il-pjanta tal-Awtorità tal-Artijiet bħala plot 5;
iii. art tal-kejl ta' tliet itmiem u kejla u nofs, li tmiss mil-lbiċ ma' sqaq, mill-punent ma' beni ta' John Azzopardi, u mill-grigal in parti ma' proprjetà ta' Joseph Vassallo u in parti ma' proprjetà ta' Anthony Grixti. Din hija ndikata bħala plot 6 fuq il-pjanta tal-Awtorità intimata;
iv. art tal-kejl ta' tliet itmiem ħames siegħan u ħames kejliet u erba' deċimi ta' kejla, li tinkludi nofs il-wisa' ta' sqaq, li tmiss mill-grigal ma' triq, mil-lvant ma' sqaq u min-nofsinhar ma' beni ta' Vincenza Pullicino u oħrajn. Din l-art hija ndikata bħala plot 24 fuq il-pjanta tal-Awtorità intimata;

il-fatt li permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali ġew esproprjati dawn l-artijiet u r-rikorrenti ma ġew bl-ebda mod kumpensati minkejja t-trapass ta' madwar ħamsin sena jilledi d-drittijiet fondamentali tagħhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

(vii) tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti billi tiddikjara li fir-rigward tal-partijiet diviżi mill-art ta' sebat itmiem, erba' siegħan u żewġ kejliet u villa magħrufa bħala "Villa Cachia", u li hija ndikata bħala plot 16 fuq il-pjanta tal-Awtorità intimata, li ġew bil-kuntratt tan-Nutar Sciberras tat-12 ta' Mejju 1978 assenjati lil Paul Cachia, il-fatt li permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali ġew esproprjati dawn l-artijiet u r-rikorrenti ma ġew bl-ebda mod kumpensati minkejja t-trapass ta' madwar ħamsin sena jilledi d-drittijiet fondamentali tagħhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

(viii) tilqa' t-tielet talba billi:

a) tordna lill-Awtorità tal-Artijiet tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000) bħala kumpens għad-danni morali mġarrba minnhom b'konsegwenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali misjuba b'dina s-sentenza;

b) tillikwida l-kumpens spettanti lir-rikorrenti għat-teħid tal-proprjetà imsemmija fil-parti operattiva ta' din is-sentenza fl-ammont kumplessiv ta' erba' mija u tnejn u tletin elf tliet mija ħamsa u erbgħin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€432,345.43);

c) tordna lill-Awtorità intimata sabiex sa mhux aktar tard minn tliet xhur mill-jum li fih din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, tippubblika l-kuntratt għax-xiri b'titolu assolut tal-artijiet imsemmija fil-parti operattiva ta' din is-sentenza, versu l-ħlas tal-kumpens hekk iffissat, u għal dan l-iskop qed tinnomina lil Dr Renèe Gatt bħala Nutar Pubbliku sabiex tippubblika l-att opportun f'jum, ħin u lok li jiġu ffissati wara rikors opportun, kif ukoll lil Dr Thomas Bartolo bħala kuratur deputat għal kull eventwali kontumaċi;

d) tordna li fuq il-kumpens iffissat b'din is-sentenza, jiddekorri l-imgħax legali sal-jum tal-ħlas effettiv;

(ix) tikkundanna lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, kompriżi dawk marbuta mas-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2020, ħlief dawk tal-Avukat tal-Istat li għandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti, la darba l-ilmenti tagħhom dwar il-mod kif jinħadem il-kumpens ġew meqjusa infondati.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur